Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Jannar 2023**
**(OR. en)**

**5588/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0008(COD)**

**SOC 45**
**STATIS 5**
**CODEC 49**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 20 ta' Jannar 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 31 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 31 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 31 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.1.2023
COM(2023) 31 final

2023/0008 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 38 final} - {SWD(2023) 11 final} - {SWD(2023) 12 final} - {SWD(2023) 13 final} - {SWD(2023) 14 final} - {SWD(2023) 15 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Neħtieġu statistika Ewropea fil-ħin, affidabbli, dettaljata u komparabbli biex ikunu nistgħu infasslu u nwettqu politiki u attivitajiet għall-ġid tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tal-UE, kif stabbilit mill-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-Kummissjoni qed timmonitorja u tirrapporta dwar is-sitwazzjoni demografika fl-UE skont l-Artikolu 159 tat-TFUE. Min-naħa tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġu ċifri tal-popolazzjoni preċiżi u komparabbli għal finijiet amministrattivi u proċedurali, eż. għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill. Din l-istatistika tipprovdi wkoll kontributi essenzjali għar-riċerka pubblika billi tiġġenera informazzjoni intwittiva u żżomm lis-soċjetà infurmata dwar l-iżviluppi. L-istimi tal-popolazzjoni huma meħtieġa wkoll biex jinkisbu indikaturi *per capita* għall-istatistika. L-istatistika dwar il-popolazzjoni tipprovdi kontribut għall-projezzjonijiet tal-popolazzjoni b'mod speċifiku għall-projezzjonijiet ekonomiċi u baġitarji fit-tul tal-UE u b'mod ġenerali għall-politiki ekonomiċi, soċjali u ta' koeżjoni tal-UE. Hi wkoll xi ħaġa li l-pubbliku jista' faċilment jirrelata magħha għax tiddeskrivi fatti u avvenimenti li jikkonċernaw lil kull individwu.

Fil-kuntest ta' din l-inizjattiva, l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni (l-ESOP) tfisser statistika uffiċjali fil-livell tal-UE dwar il-popolazzjoni, l-avvenimenti demografiċi u l-migrazzjoni u d-diversi indikaturi bbażati fuq din l-istatistika. L-Eurostat ilu mill-1960 jippubblika l-istatistika f'dawn l-oqsma, permezz tal-ewwel stħarriġ dwar id-daqs u l-istruttura tal-popolazzjoni attiva fl-Istati Membri ta' dak iż-żmien. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-istatistika dwar il-popolazzjoni nħolqot l-aktar billi ttieħdu r-riżultati minn numerazzjonijiet diretti tal-popolazzjoni miċ-ċensimenti u f'perjodi intermedji ta' interpolazzjoni b'informazzjoni dwar il-bidliet fil-popolazzjoni meħuda mis-sistemi amministrattivi għar-reġistrazzjoni ċivili (dwar it-twelidijiet, l-imwiet u l-migrazzjoni). Il-bidla kontinwu minn ċensimenti tradizzjonali fuq il-post għal ċensimenti kkombinati jew saħansitra għal ċensimenti bbażati għalkollox fuq ir-reġistru tkompli tnaqqas kemm jista' jkun il-piż tal-produzzjoni minn fuq il-pubbliku ġenerali għax tibbaża l-kompilazzjoni ta' din l-istatistika l-aktar fuq sorsi tad-*data* amministrattiva.

Sal-2007, l-Istati Membri bagħtu b'mod volontarju d-*data* kollha dwar il-popolazzjoni. Dan ikkawża inkonsistenzi u nuqqas ta' kompletezza jew tempestività, kif turi l-evalwazzjoni riċenti tas-sitwazzjoni[1]. L-Artikolu 338 tat-TFUE jobbliga lil-leġiżlatur jadotta miżuri għall-produzzjoni ta' statistika uffiċjali, meta meħtieġ, għall-politiki tal-UE. Illum, l-istatistika dwar il-popolazzjoni hi bbażata fuq qafas legali adottat bejn l-2007 u l-2013. L-ewwel nett, ir-Regolament (KE) Nru 862/2007[2] stabbilixxa rekwiżiti għall-istatistika dwar il-migrazzjoni skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-ġbir u l-analiżi tal-istatistika Komunitarja fil-qasam tal-migrazzjoni[3]. L-Artikolu 3 tar-Regolament ikopri l-istatistika dwar l-immigrazzjoni lejn u l-emigrazzjoni mit-territorji tal-Istati Membri, inkluż il-flussi minn territorju ta' Stat Membru lejn ieħor u l-flussi bejn Stat Membru u t-territorju ta' pajjiż terz, l-istatistika dwar iċ-ċittadinanza u l-pajjiż tat-twelid tal-persuni li normalment ikunu residenti fit-territorju tal-

[1] SWD(2023) 13.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jippreżentaw Pjan ta' Azzjoni għall-ġbir u l-analiżi tal-Istatistika Komunitarja fil-qasam tal-migrazzjoni (COM(2003) 179).

Istati Membri, u l-istatistika dwar il-kisbiet taċ-ċittadinanza[4]. It-tieni, ir-Regolament (KE) Nru 763/2008[5] stabbilixxa regoli komuni għall-forniment, kull għaxar (10) snin, ta' *data* komprensiva taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-UE. Dan żgura l-kompilazzjoni ta' *data* dettaljata dwar karatteristiċi demografiċi, soċjali u ekonomiċi ddeterminati bil-quddiem ta' persuni, familji u unitajiet domestiċi, u dwar karatteristiċi nazzjonali, reġjonali u lokali tal-akkomodazzjoni. Fl-aħħar nett, ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013[6] stabbilixxa r-regoli komuni għad-*data* demografika Ewropea, inkluż rekwiżiti tad-*data* dwar l-istokkijiet tal-popolazzjoni u avvenimenti ewlenin bħat-twelidijiet u l-imwiet. Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 jobbliga wkoll lill-Istati Membri jipprovdu *data* armonizzata lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali li tintuża bħala ponderazzjonijiet għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill.

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni wriet li l-qafas legali attwali tat-tliet atti msemmija hawn fuq tejjeb ġmielha l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni b'mod ġenerali. Il-valur miżjud tal-UE żdied ferm u ntlaħqu l-ħtiġijiet politiċi u istituzzjonali kollha tal-UE għal statistika dwar il-popolazzjoni. Madankollu, l-evalwazzjoni żvelat ukoll it-tnaqqis – u t-tnaqqis ulterjuri – tar-rilevanza, tal-koerenza, tal-konsistenza u tal-komparabbiltà tad-*data* u tal-istatistika dwar il-popolazzjoni fost l-Istati Membri, b'effetti negattivi għat-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tagħhom. Għaldaqstant, hemm bżonn tiġi stabbilita bażi ġuridika ġdida ħalli jinkiseb qafas fit-tul għall-iżviluppi meħtieġa għal aktar armonizzazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni. Il-qafas jenħtieġ li jipprovdi wkoll flessibbiltà biżżejjed biex ikun jista' jadatta aħjar għall-ħtiġijiet ta' politika li qed jinbidlu u jaħtaf l-opportunitajiet li joffru s-sorsi ġodda tad-*data*. Flok is-sitwazzjoni frammentarja attwali f'dan il-qasam, hemm ukoll opportunitajiet potenzjali għal simplifikazzjoni amministrattiva u integrazzjoni tal-proċessi. Għalhekk, din l-inizjattiva qed tiġi inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2022 bħala inizjattiva dwar l-idoneità regolatorja (REFIT).

Bħalma tagħraf l-evalwazzjoni, id-*data* statistika dwar il-popolazzjoni tal-UE – inkluż l-avvenimenti demografiċi u tal-migrazzjoni u l-informazzjoni dwar il-familji, l-unitajiet domestiċi u l-arranġamenti tal-akkomodazzjoni – hija vitali biex titfassal politika abbażi tal-evidenza. Statistika ta' kwalità għolja dwar l-Istati Membri kollha hi essenzjali għal ħafna oqsma u inizjattivi ta' politika tal-UE. Minbarra l-każijiet ta' użu fit-tul imsemmija hawn fuq, erbgħa minn sitt prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2019-2024[7] identifikaw ħtiġijiet ċari għal statistika speċifika tal-UE dwar il-popolazzjoni bħala evidenza tad-*data* għal dawn il-politiki: *il-Patt Ekoloġiku Ewropew*, *il-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna*, *Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea*, u *Ekonomija li taħdem għan-nies*. Il-proposti finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[8] identifikaw ukoll il-ħtieġa għal aktar sforzi tal-UE biex tinġabar dik id-*data*.

---

4 Għalhekk l-Artikolu 3 jkopri l-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 relatata mal-kunċetti demografiċi tal-popolazzjoni residenti inkluż iċ-ċittadini, u l-bidliet tagħha permezz tal-flussi tal-migrazzjoni. Din l-istatistika hija element importanti tal-bilanċ demografiku, flimkien mal-istatistika skont ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013. Bħala kuntrast, l-Artikoli 4 sa 7 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 ikopru l-istatistika dwar avvenimenti ġudizzjarji relatati mal-ażil, u l-migrazzjoni legali u irregolari taċ-ċittadini li mhumiex tal-UE.

5 Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14).

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

7 https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024_mt.

8 Il-Futur tal-Ewropa: Il-Plenarja tal-Konferenza taqbel mas-sett finali ta' proposti (Stqarrija għall-istampa IP/22/2763); ara l-proposta 15 dwar it-Tranżizzjoni demografika, b'mod partikolari l-punt 10.

L-evalwazzjoni appoġġata b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati identifikat ukoll diversi lakuni kbar fil-qafas statistiku attwali, fosthom in-nuqqas ta' dettall ġeografiku u statistiku biżżejjed u n-nuqqas ta' tempestività u frekwenza tar-riżultati statistiċi. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni ġew appoġġati b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li involviet lil utenti istituzzjonali u professjonali oħra fil-livell tal-UE u f'livelli oħra. Fil-valutazzjoni tal-impatt, l-alternattivi ta' politika għal din l-inizjattiva ġew ivvalutati skont il-kapaċità tagħhom li jxejnu dawn il-lakuni. Din il-proposta leġiżlattiva tibbaża fuq is-sejbiet dettaljati tal-evalwazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt biex tindirizza dawn il-lakuni b'mod effettiv u proporzjonat.

Fl-2014, biex jiġu ssodisfati ħtiġijiet statistiċi emerġenti, il-Kummissjoni (Eurostat) bdiet timmodernizza l-istatistika soċjali, bl-appoġġ tal-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri (NSIs). Dan wassal għall-adozzjoni, bħala r-Regolament (UE) 2019/1700[9], ta' qafas legali komuni għall-istatistika Ewropea relatata mal-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fil-livell individwali miġbura minn kampjuni ta' persuni u unitajiet domestiċi. Dan il-qafas hu fundamentali biex jinfirxu pedamenti sodi fil-livell Ewropew ħalli tinġabar id-*data* mill-kampjuni. Din l-inizjattiva għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni hi t-tieni komponent ewlieni ta' dan il-proċess ta' modernizzazzjoni. L-appoġġ bikri ta' livell għoli għall-inizjattiva fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) ġie espress fil-Memorandum ta' Budapest tal-2017[10] li japprova azzjoni li tindirizza b'mod flessibbli l-ħtiġijiet li qed jinbidlu, li tkompli tarmonizza l-kunċetti u d-definizzjonijiet, u li testendi l-ġbir annwali tad-*data* inkluż tad-*data* dwar il-migrazzjoni u d-dettall ġeografiku.

Abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt, din il-proposta leġiżlattiva fiha elementi ambizzjużi biex jissaħħu r-rabtiet u l-konsistenza ġenerali tal-istatistika soċjali kollha tal-UE bbażata fuq il-persuni u l-unitajiet domestiċi. Il-proposta fiha dispożizzjonijiet maħsuba għall-iżvilupp ta' definizzjoni armonizzata tal-popolazzjoni, abbażi ta' kunċetti statistiċi sodi għall-outputs kollha, u biex jeħfief l-aċċess għas-sorsi tad-*data* disponibbli li se jtejbu l-proċessi tal-produzzjoni u l-kwalità ġenerali tal-istatistika soċjali. Il-proposta fiha wkoll dispożizzjonijiet biex l-istatistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-migrazzjoni internazzjonali tkompli tiġi allinjata mal-istatistika dwar avvenimenti amministrattivi u ġudizzjarji relatati mal-ażil u l-migrazzjoni legali u irregolari skont l-Artikoli 4, 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hi l-Artikolu 338(1) tat-TFUE li jipprovdi l-bażi ġuridika tal-istatistika Ewropea. Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, meta dik l-istatistika tkun meħtieġa biex l-UE taqdi dmirha. L-Artikolu 338 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, u jiddikjara li din trid tkun konformi ma' standards tal-

[9] Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

[10] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/13019146/13237859/FINAL+Budapest+memorandum.pdf/96a6db89-1395-44a5-8a46-85e8c49d576c.

imparzjalità, l-affidabbiltà, l-oġġettività, l-indipendenza xjentifika, il-kosteffettività u l-kunfidenzjalità statistika bla ma tixħet piż żejjed fuq in-negozji, l-awtoritajiet jew il-pubbliku.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

L-ESS tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema tfasslet biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' bosta utenti fis-soċjetajiet demokratiċi.

Kriterju ewlieni li l-istatistika Ewropea trid tissodisfa hu li tkun konsistenti u komparabbli. Il-komparabbiltà hi importanti ħafna għall-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni minħabba r-rwol kruċjali tagħha fl-appoġġ tal-politiki ekonomiċi, soċjali u ta' koeżjoni abbażi tal-evidenza. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar fil-forma ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati tar-rapportar u r-rekwiżiti tal-kwalità.

L-objettiv tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti jekk l-Istati Membri jaġixxu b'mod indipendenti. L-azzjoni tista' tkun aktar effettiva fil-livell tal-UE, permezz ta' att legali tal-UE li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni statistika fl-oqsma tal-istatistika li jkopri l-att propost. Il-ġbir tad-*data* nnifsu jistgħu jagħmluh l-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif ġej.

Se tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni li tinġabar u tiġi kkompilata bl-istess prinċipji fl-Istati Membri kollha. Se tiżgura wkoll li l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni tibqa' rilevanti u tiġi adattata biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti. Bir-Regolament, il-produzzjoni tal-istatistika se ssir aktar kosteffettiva u tirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-istatistika tal-Istati Membri.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita ruħu għall-minimu meħtieġ biex jilħaq l-objettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ għal dak il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Minħabba l-objettivi u l-kontenut tal-proposta, Regolament hu l-aktar strument xieraq. Bosta politiki importanti tal-UE, bħal politiki ekonomiċi, soċjali u ta' koeżjoni, jiddependu b'mod inerenti fuq statistika komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni Ewropej. Din tista' tkun żgurata bl-aħjar mod b'Regolamenti applikabbli direttament fl-Istati Membri u għalhekk ma hemmx bżonn li qabelxejn jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet/kontrolli tal-idoneità *ex post* tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Kummissjoni evalwat il-qafas legali attwali tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni, li jikkonsisti fir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007, u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom. Mil-lat pożittiv, l-evalwazzjoni wriet li dan il-qafas legali attwali tejjeb ġmielha l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni b'mod ġenerali. Pereżempju, il-valur miżjud tal-UE żdied ferm u ntlaħqu l-ħtiġijiet politiċi/istituzzjonali topiċi kollha tal-UE għal

statistika dwar il-popolazzjoni, li kienu magħrufa qabel ma sar l-intervent preċedenti (f'xi l-2005). Iżda l-qafas legali attwali għandu erba' dgħjufijiet kif ġej.

Waħda mid-dgħjufijiet tal-qafas legali attwali hi li **ma jiżgurax għalkollox statistika koerenti, komparabbli u sħiħa biżżejjed**.

Għalkemm il-qafas għandu definizzjonijiet komuni ta' kunċetti statistiċi ewlenin, ħafna drabi hemm flessibbiltà fil-mod kif l-Istati Membri jimplimentawhom. B'mod partikolari, dawn japplikaw tliet definizzjonijiet tal-bażi tal-popolazzjoni, li huma differenti b'mod kunċettwali (residenza abitwali, residenza reġistrata, residenza legali) u li huma permessi, xi drabi b'definizzjonijiet differenti għal settijiet tad-*data* differenti. Dan naqqas il-komparabbiltà u l-koerenza tad-*data* statistika dwar il-popolazzjoni minn Stati Membri differenti, għad-detriment tal-valur miżjud tal-UE tal-ġbir tad-*data*.

Ċerti lakuni fid-*data* bħalissa qed jimtlew b'*data* li l-Istati Membri jipprovdu b'mod volontarju. Dan jikkawża statistika mhux sħiħa fil-livell tal-UE li jaf ma tkunx koerenti mal-istatistika obbligatorja. Dan jagħmel l-istatistika volontarja inqas kosteffettiva mil-lat ta' valur miżjud tal-UE tagħha, u din hi r-raġuni għalfejn hemm bżonn u hu importanti li fil-futur dan il-ġbir issir obbligatorju. Il-ġbir volontarju jista' jkun utli inizjalment meta tkun qed tiġi żviluppata statistika ġdida, iżda neħtieġu bażi legali ċara għall-implimentazzjoni sħiħa tagħha bħala statistika Ewropea uffiċjali.

Dgħjufija oħra tal-qafas legali attwali hi li **ma jiżgurax disponibbiltà biżżejjed tad-*data* dwar il-popolazzjoni mil-lat ta' tempestività u frekwenza tar-rilaxxi tad-*data***.

Il-leġiżlazzjoni eżistenti tkopri biss l-istatistika annwali dwar id-demografija u l-migrazzjoni. Skont il-leġiżlazzjoni eżistenti, ħafna mis-settijiet tad-*data* annwali jridu jingħataw biss fi żmien 12-il xahar minn tmiem il-perjodu ta' referenza, u s-settijiet tad-*data* taċ-ċensiment ta' kull għaxar snin iridu jingħataw biss fi żmien 27 xahar minn tmiem is-sena taċ-ċensiment. Dawn il-frekwenzi u l-iskadenzi korrispondenti huma inqas mill-aspettattivi tal-utent u ma jaqblux mal-pubblikazzjonijiet nazzjonali tal-istatistika jew ma' trażmissjonijiet internazzjonali oħra tal-istatistika f'ħafna mill-Istati Membri. Skont il-leġiżlazzjoni eżistenti, l-iskadenzi u l-frekwenzi legali ma jistgħux jittejbu, eżempju biex ikopru statistika pluriennali oħra dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew statistika dwar il-popolazzjoni infrannwali (jiġifieri li tiġi kkompilata aktar minn darba f'sena partikolari), bħal dik li ġiet żviluppata dan l-aħħar dwar il-mortalità eċċessiva bil-COVID-19.

Madankollu, dgħjufija oħra hi li l-qafas **ma jqisx il-karatteristiċi u d-dettalji tas-suġġetti jew tal-gruppi tal-popolazzjoni li saru politikament u soċjalment rilevanti** fl-aħħar għaxar snin.

Dan għax il-leġiżlazzjoni eżistenti tiffoka fuq il-ħtiġijiet tad-*data* għall-prijoritajiet ta' politika fiż-żmien meta nħolqot il-leġiżlazzjoni. Maż-żmien, il-prijoritajiet inbidlu u allura l-istatistika disponibbli dwar il-popolazzjoni ma baqgħetx tkopri sew il-karatteristiċi, is-suġġetti jew il-gruppi tal-popolazzjoni rilevanti għall-politika. B'mod partikolari, il-lakuni identifikati fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati jikkonċernaw il-karatteristiċi ta' suġġetti u gruppi rilevanti politikament. Xi Eżempji jinkludu *data* dwar l-akkomodazzjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-migranti u l-mobbiltà tal-UE, il-popolazzjoni urbana/rurali, u gruppi ta' minoranzi vulnerabbli. Hemm ukoll lakuni relatati man-nuqqas ta' granularità ġeografika biżżejjed tal-istatistika, inkluż tipoloġiji funzjonali u *data* ġeoreferenzjata għall-integrazzjoni urbana/rurali u analiżi transfruntiera.

Fl-aħħar nett, il-qafas **mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta** għal ħtiġijiet ta' politika li qed jinbidlu jew biex l-Istati Membri jew l-UE ikunu jistgħu jużaw sorsi ġodda.

Dan għax il-leġiżlazzjoni eżistenti ma għandhiex il-flessibbiltà biex tkun tista' tadatta għal ħtiġijiet statistiċi ġodda. Ċerti sorsi ġodda tad-*data* fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE (b'mod partikolari, *data* amministrattiva li tinkludi sistemi ta' interoperabbiltà u *data* miżmuma privatament) joffru titjib potenzjali fil-kostijiet u fit-tempestività, iżda l-leġiżlazzjoni attwali ma tappoġġax l-adozzjoni tagħhom.

Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni identifikat ridondanzi rilevanti għar-REFIT fir-rigward tal-konformità, tal-infurzar u l-monitoraġġ. Dan minħabba l-fatt li l-leġiżlazzjoni attwali hi mifruxa fuq tliet atti legali li ma ġewx żviluppati flimkien. Bħalissa, l-Istati Membri qed jipproduċu ħafna settijiet tad-*data* volontarji iżda mhux sħaħ (b'kompletezza kbira iżda mhux sħiħa fost l-Istati Membri) u b'hekk qed tonqos ġmielha l-effiċjenza fil-livell tal-UE.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-istrateġija tal-konsultazzjoni[11] sarrfet profili ewlenin ta' partijiet ikkonċernati fi tliet gruppi ewlenin (fornituri tad-*data* sors – bħad-detenturi ta' *data* amministrattiva u sorsi rilevanti oħra tad-*data*; il-produtturi tal-istatistika – l-aktar l-NSIs – u l-utenti tal-istatistika) fuq l-attivitajiet tal-konsultazzjoni. Il-konsultazzjoni inkludiet konsultazzjonijiet pubbliċi u mmirati, sessjonijiet ta' ħidma mmirati, konsultazzjonijiet ma' gruppi ta' esperti, intervisti ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, u riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rnexxielha tilħaq lill-gruppi maħsub tal-partijiet ikkonċernati, għajr lill-fornituri tad-*data* amministrattiva u lill-organizzazzjonijiet tal-midja. Minħabba n-natura teknika tas-suġġett, l-involviment ġenerali tar-rispondenti tqies biżżejjed biex jappoġġa l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt konsekuttivi tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni.

Il-konsultazzjoni wriet appoġġ għall-inizjattiva tal-Kummissjoni u għarfet li l-materji tjiebu ferm mill-aħħar intervent ta' politika fl-istatistika dwar id-demografija, dwar il-migrazzjoni u l-popolazzjoni internazzjonali, u taċ-ċensiment tal-akkomodazzjoni. Iżda identifikat ukoll lakuni statistiċi u li feġġew ħtiġijiet statistiċi ġodda li l-qafas legali attwali ma jistax jissodisfa.

Il-partijiet ikkonċernati kollha kkonfermaw il-ħtieġa li jiġi ppjanat it-titjib statistiku, għalkemm mhux dejjem qablu dwar il-livell ta' ambizzjoni ta' titjib bħal dan. Il-produtturi tal-istatistika kienu xi ftit aktar konservattivi mill-utenti tal-istatistika dwar dan.

Is-suġġetti statistiċi li l-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati qablu li kienu suġġetti ta' prijorità kienu statistika aħjar dwar il-migrazzjoni, aktar dettall ġeografiku, u statistika aktar fil-ħin u frekwenti. Il-partijiet ikkonċernati kollha għarfu li l-armonizzazzjoni tal-bażi tal-popolazzjoni kienet importanti ħafna, u xi produtturi tal-istatistika opponew il-bidla.

Is-suġġetti statistiċi ewlenin li dwarhom il-produtturi u l-utenti kellhom fehmiet varji huma fuq id-*data* dwar l-ugwaljanza u li l-ġbir tad-*data* volontarju eżistenti jsir obbligatorju. F'livell anqas, il-fehmiet tal-produtturi u tal-utenti varjaw ukoll fuq l-istatistika dwar l-akkomodazzjoni, l-aborti kkawżati legalment u l-mortalità tat-trabi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni talbet regolarment lill-gruppi ta' esperti rilevanti tagħha biex jiksbu pariri u kontribut dwar il-progress tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt. Anki l-Kumitat tas-

[11] SWD(2023) 15; ara r-rapport fil-qosor fattwali fuq [Semma' Leħnek](#).

Sistema Ewropea tal-Istatistika[12] nżamm infurmat dwar il-progress. It-tliet gruppi ta' esperti huma (ir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni[13]):

– il-Grupp ta' Ħidma għaċ-ċensimenti dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni (E01544) u s-subgrupp tiegħu, it-Task Force għall-Futur taċ-Ċensimenti;

– il-Grupp ta' Ħidma għall-Istatistika dwar il-Popolazzjoni (E03076);

– id-Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali (E01552).

Il-Kummissjoni wettqet l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt konsekuttivi bl-appoġġ ta' studju kuntrattat li sar minn ICF SA tal-Belġju. Għall-evalwazzjoni, l-istudju ta' appoġġ ipprovda analiżi ekonomika u tas-sussidjarjetà u studji tal-każijiet dwar id-definizzjonijiet tal-popolazzjoni. Għall-valutazzjoni tal-impatt, l-istudju pprovda analiżi kwantitattiva tal-kostijiet u appoġġ metodoloġiku għall-għoti ta' punteġġi u klassifikazzjoni lill-alternattivi ta' politika. Il-kuntrattur appoġġa wkoll bosta attivitajiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, fosthom il-konsultazzjoni pubblika miftuħa, il-konsultazzjoni mmirata tal-NSIs u bosta sessjonijiet ta' ħidma topiċi ma' gruppi speċifiċi ta' partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt ta' din l-inizjattiva[14], diskussa mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju waqt laqgħa formali nhar is-16 ta' Marzu 2022, ingħatat opinjoni pożittiva b'xi riżervi[15]. Verżjoni riveduta tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-opinjoni ġiet approvata mill-grupp tat-tmexxija bejn is-servizzi fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2022.

L-objettiv ġenerali definit fil-valutazzjoni tal-impatt hu li jingħata rispons aħjar għall-ħtiġijiet tal-utenti u li jiġu modernizzati u jissaħħu r-rilevanza, l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni. Dan jista' jinqasam f'erba' objettivi speċifiċi biex jiġu indirizzati d-dgħjufijiet deskritti hawn fuq, jiġifieri li:

(1) tkun żgurata statistika Ewropea sħiħa, koerenti u komparabbli dwar il-popolazzjoni;

(2) tkun żgurata statistika fil-ħin u frekwenti li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti;

(3) tingħata statistika komprensiva biżżejjed mil-lat ta' suġġetti rilevanti, u dettaljata biżżejjed mil-lat ta' karatteristiċi u diżaggregazzjonijiet;

(4) jiġu promossi oqfsa legali u tal-ġbir tad-*data* li jkunu flessibbli biżżejjed biex jadattaw is-settijiet tad-*data* għall-ħtiġijiet ta' politika li dejjem jinbidlu, u biex jaħtfu l-opportunitajiet offruti minn sorsi ġodda tad-*data*.

L-alternattivi ta' politika tfasslu billi ġew raggruppati miżuri ta' politika granulari li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi skont erba' karatteristiċi: l-armonizzazzjoni tal-istatistika meta l-enfażi ewlenija tkun id-definizzjoni tal-bażi tal-popolazzjoni; l-integrazzjoni tal-proċessi statistiċi; l-outputs statistiċi; il-flessibbiltà tal-qafas.

– L-Alternattiva A hi x-xenarju bażi, bi proċessi u leġiżlazzjoni statistiċi separati, armonizzazzjoni limitata tad-definizzjoni tal-popolazzjoni, u mingħajr outputs statistiċi ġodda.

[12] Stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[13] https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/home?lang=mt
[14] SWD(2023) 11; SWD(2023) 12.
[15] SEC(2023) 38.

– Il-karatteristiċi ewlenin tal-Alternattivi B.1 u B.2 huma aġġornament, b'iżjed ambizzjoni, tal-outputs statistiċi u l-flessibbiltà tal-qafas, iżda armonizzazzjoni limitata tal-bażi tal-popolazzjoni.

– L-Alternattivi C.1 u C.2 huma l-istess bħall-Alternattivi B.1 u B.2, iżda b'tentattiv aktar ambizzjuż biex tiġi armonizzata l-bażi tal-popolazzjoni. L-Alternattivi B.2 u C.2 jinvolvu aġġornament aktar espansiv tal-outputs statistiċi u tal-flessibbiltà tal-qafas mill-Alternattivi B.1 u C.1.

– Fl-aħħar nett, l-Alternattivi D.1 u D.2 jinvolvu armonizzazzjoni sħiħa u aġġornament qawwi tal-outputs, u flessibbiltà biżżejjed għall-iżvilupp futur tal-istatistika biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ġodda. L-Alternattiva D.2 tinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' reġistru statistiku dwar il-popolazzjoni fl-Istati Membri kollha.

Il-kostijiet ta' kull alternattiva ġew kwantifikati kemm jista' jkun, permezz ta' dawn il-kriterji: (i) il-livell ta' armonizzazzjoni tal-bażi tal-popolazzjoni; (ii) l-aġġornament tal-outputs statistiċi; u (iii) l-integrazzjoni tal-proċessi statistiċi permezz tar-reġistri statistiċi nazzjonali dwar il-popolazzjoni. Fl-aħħar nett, il-benefiċċji ġew dettaljati, iżda ħafna minnhom ma setgħux jiġu kwantifikati minħabba n-natura spiss indiretta jew sparpaljata tagħhom, u għalhekk ġew ivvalutati b'mod kwalitattiv.

Minħabba n-nuqqas ta' kwantifikazzjoni tal-benefiċċji, ma setgħetx issir klassifikazzjoni diretta tal-alternattivi. Iżda mill-valutazzjoni tal-effiċjenza ħareġ b'mod kwalitattiv li l-ebda alternattiva mhi ovvjament iżjed kosteffettiva minn oħra. Pjuttost ħareġ li dawn joffru benefiċċji dejjem akbar (direttament għall-utenti tal-istatistika u indirettament għas-soċjetà kollha) b'iżjed kostijiet (l-aktar għall-produtturi tal-istatistika, jiġifieri għas-sistemi nazzjonali tal-produzzjoni tal-istatistika). Id-differenza kbira bejn il-produtturi tal-istatistika u l-utenti tirrifletti dan, għax il-produtturi ffukaw fuq il-kostijiet filwaqt li l-utenti ffokati aktar fuq il-benefiċċji. Madankollu, il-valutazzjoni wriet b'mod ċar li azzjoni ambizzjuża biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-*data* għall-prijoritajiet ta' politika tal-UE għandha l-prezz tagħha, għax il-produtturi tal-istatistika jkunu jeħtieġu iżjed riżorsi, u dawn huma sostanzjali meta mqabbla mal-kostijiet bażi attwali (sa xi 10% għall-Alternattiva D.2). B'mod partikolari, l-aktar alternattivi ambizzjużi biss, jiġifieri d-D.1 u d-D.2, jinkludu miżuri estensivi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-oqsma ewlenin ta' politika tal-UE bħall-integrazzjoni urbana/rurali, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, u d-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Alternattiva D.2 biss tinkludi reġistri statistiċi dwar il-popolazzjoni biex il-produzzjoni statistika ssir aktar effiċjenti, u b'hekk tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-outputs.

Għaldaqstant, b'mod ġenerali l-alternattiva ppreferuta kienet id-D.2. Bħala l-aktar waħda ambizzjuża mil-lat ta' outputs statistiċi u flessibbiltà tal-qafas, din tikseb l-aqwa riżultat permezz ta' simplifikazzjoni u integrazzjoni ambizzjużi simili għal dawk tas-sistemi tal-produzzjoni statistika, u b'titjib sostenibbli fl-effiċjenza fit-tul. Madankollu, għad hemm ċerti inċertezzi fejn jidħlu s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, apparti l-kostijiet sinifikanti ta' adattament biex jiddaħħlu reġistri statistiċi interoperabbli dwar il-popolazzjoni fl-Istati Membri kollha. Minħabba f'hekk, anke approċċ (konservattiv) alternattiv li jippreferi l-Alternattiva C.2 ikun raġonevoli, jekk it-tħassib dwar il-proporzjonalità u l-effiċjenza tal-Alternattiva D.2 jingħata iżjed piż; dan ikun ukoll aktar aċċettabbli għall-produtturi tal-istatistika bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fl-implimentazzjoni.

L-aktar devjazzjonijiet notevoli ta' din il-proposta leġiżlattiva mill-alternattivi ppreferuti tal-valutazzjoni tal-impatt huma t-tnaqqis fl-ambizzjoni fejn jidħlu d-*data* dwar l-ugwaljanza u t-twaqqif tar-reġistri statistiċi dwar il-popolazzjoni fl-Istati Membri. Dwar dan tal-aħħar, il-valutazzjoni tal-impatt issemmi dubji speċifiċi dwar il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà li jintalbu dawn ir-reġistri statistiċi fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, il-proposta pjuttost

ixxaqleb lejn l-Alternattiva C.2, u għalhekk tiffoka aktar fuq l-aspetti orjentati lejn l-outputs tal-infrastrutturi tal-istatistika bla ma tispeċifika restrizzjonijiet proċedurali. L-esperti tal-NSI kkonsultati wrew ukoll preferenza qawwija għal approċċ bħal dan orjentat lejn l-outputs. Il-proposta xorta ssaħħaħ il-bażi ġuridika u tħeġġeġ l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jippermettu l-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-Istati Membri ħalli jiġu indirizzati ċerti kwistjonijiet transfruntieri ta' kwalità relatati mal-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE. B'mod partikolari, it-teknoloġiji li jtejbu l-privatezza huma appoġġati b'mod espliċitu biex il-kondiviżjoni tad-*data* tiġi implimentata bi qbil sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali (ara "Drittijiet fundamentali" hawn taħt).

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-alternattivi ppreferuti D.2 jew C.2 aktarx jagħmlu lok għal xi ffrankar possibbli fil-kostijiet rilevanti għar-REFIT, ikkawżati bis-simplifikazzjoni, bir-razzjonalizzazzjoni u bl-integrazzjoni tal-proċessi tal-istatistika. Mistennija xi simplifikazzjonijiet, l-aktar fil-kondiviżjoni tad-*data* bejn is-sidien tad-*data* tas-sors u l-NSIs, fl-adattamenti regolatorji għall-ħtiġijiet tad-*data* dejjem jinbidlu għall-NSIs u l-Eurostat, u fil-proċeduri tat-trażmissjoni tad-*data* mill-NSIs lill-Eurostat. L-utenti se jibbenefikaw minn aċċess simplifikat u ċentralizzat għall-istatistika fuq is-sit web tal-Eurostat.

F'konformità mal-alternattiva ppreferuta C.2, ir-reġistri statistiċi dwar il-popolazzjoni mhumiex meħtieġa skont din il-proposta, iżda jissaħħu l-prerekwiżiti legali u tekniċi għall-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-Istati Membri. Fuq medda itwal ta' żmien, il-kondiviżjoni tad-*data* b'teknoloġiji moderni tista' tipprovdi soluzzjonijiet aktar effettivi u effiċjenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat żewġ sorsi ewlenin ta' impatti indiretti potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali. Minn naħa, bosta gruppi ta' partijiet ikkonċernati wrew tħassib fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar riskji possibbilment akbar għall-protezzjoni tad-*data* personali relatati ma' infrastrutturi tal-istatistika mtejba u modernizzati li jorbtu t-tipi kollha ta' sorsi rilevanti b'mod effiċjenti u li jippermettu l-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fid-disponibbiltà u t-titjib tal-kwalità tal-istatistika dwar il-fenomeni soċjali (inkluż *data* aħjar dwar il-karatteristiċi soċjoekonomiċi ta' gruppi vulnerabbli jew dwar raġunijiet ta' diskriminazzjoni) itejbu l-politiki dwar id-drittijiet fundamentali.

Din il-proposta tqis dawn is-sejbiet billi tipproponi titjib proporzjonat u mmirat fl-outputs statistiċi rilevanti, filwaqt li żżomm mal-prinċipji, u tikkunsidra l-implikazzjonijiet legali, tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali fir-Regolamenti (UE) 2016/679[16] u (UE) 2018/1725[17].

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma tinkludix il-finanzjament tal-ġbir regolari tad-*data*, iżda tagħmel dispożizzjoni għal kofinanzjament mill-UE tal-isforzi tal-modernizzazzjoni rilevanti, inkluż tal-istudji pilota

[16] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

u tal-fattibbiltà fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) timpenja ruħha wkoll li tiżviluppa infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-*data*. Fl-aħħar nett, se jkollhom jiżdiedu wkoll ir-riżorsi umani u operazzjonali (IT) tal-Kummissjoni (Eurostat) biex tiġi indirizzata ż-żieda fl-għadd ta' xogħol regolatorju, tal-monitoraġġ u tal-produzzjoni li se tinħoloq biex il-ġbir tad-*data* jitjieb b'mod sinifikanti.

L-impatt finanzjarju ġenerali tal-proposta għandu durata mhux limitata. L-implikazzjonijiet baġitarji stmati fl-ewwel għaxar (10) snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament huma stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

## 5. ELEMENTI OĦRA

### • Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Ir-Regolament propost mistenni jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2023, u l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jiġu adottati ftit wara. Ir-Regolament se japplika direttament fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-ħtieġa ta' pjan tal-implimentazzjoni.

Skont ir-Regolament il-ġdid, l-Istati Membri mistennija jibdew jipprovdu d-*data* lill-Kummissjoni fl-2026.

Skont il-valutazzjoni tal-impatt, l-implimentazzjoni tar-Regolament adottat se tiġi monitorjata u evalwata regolarment. Il-valutazzjoni tal-impatt fiha wkoll arranġamenti tal-monitoraġġ, inkluż proposti għall-indikaturi li jridu jintużaw.

### • Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Ir-Regolament propost jistabbilixxi qafas ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Filwaqt li jintegra l-istatistika attwali dwar id-demografija, dwar il-migrazzjoni u taċ-ċensimenti, dan jispeċifika li l-Istati Membri jridu jipprovdu statistika dwar tliet (3) dominji (id-demografija, l-akkomodazzjoni, il-familji u l-unitajiet domestiċi), 11-il suġġett relatat u 23 suġġett dettaljat. Dawn iridu jiġu appoġġati b'Artikoli dwar is-suġġett, id-definizzjonijiet, il-popolazzjoni u unitajiet statistiċi, il-perjodiċità u ż-żminijiet ta' referenza, is-sorsi tad-*data* u l-metodi, inkluż abilitanti speċifiċi għall-użu mill-ġdid tas-sorsi tad-*data* amministrattiva, il-kunfidenzjalità tal-istatistika, l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità, il-kondiviżjoni tad-*data*, l-istudji pilota u tal-fattibbiltà, u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji potenzjali.

Bħala aspett ewlieni tad-definizzjonijiet, din il-proposta għandha l-għan li ssolvi problema strutturali fil-leġiżlazzjoni attwali identifikata fl-evalwazzjoni: in-nuqqas ta' armonizzazzjoni tad-definizzjoni tal-bażi tal-popolazzjoni. Il-proposta l-ġdida hija msejsa fuq definizzjoni komuni tal-popolazzjoni abbażi tal-kunċett statistiku ta' residenza abitwali, mingħajr eżenzjonijiet awtomatiċi. Barra minn hekk, il-metodi ta' stima statistika xjentifika (bħas-"sinjali tal-ħajja" jew ir-"rata tas-soġġorn") huma mħeġġa b'mod espliċitu biex tkun tista' titwettaq id-definizzjoni li tibda mis-sorsi tad-*data* amministrattiva. Il-kisba ta' definizzjoni armonizzata tal-popolazzjoni li tiġi implimentata kif suppost fl-Istati Membri kollha ttejjeb ġmielu l-komparabbiltà u l-koerenza tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni, bi qbil mal-alternattivi ppreferuti tal-valutazzjoni tal-impatt.

Id-dettalji tar-rekwiżiti tad-*data* jiġu speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni, iżda bir-Regolament propost tkun tista' tiġi emendata l-lista tas-suġġetti dettaljati u l-perjodiċità u ż-żminijiet ta' referenza tagħhom permezz ta' atti delegati. Il-proposta tipprovdi wkoll il-possibbiltà li r-rekwiżiti tad-*data* li ġejjin jiġu indirizzati bi ġbir tad-*data ad hoc*. Fl-aħħar

nett, ir-Regolament propost jeħtieġ it-tnedija ta' studji pilota u tal-fattibbiltà kif xieraq u joffri kofinanzjament potenzjali għal aktar modernizzazzjoni tas-sistemi tal-produzzjoni tal-istatistika u jiġu ttestjati suġġetti ġodda. Dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni u delegati mogħtija lill-Kummissjoni, u l-possibbiltà li jitnedew studji pilota jew tal-fattibbiltà, qed jiġu proposti biex il-qafas il-ġdid ikollu ċerta flessibbiltà li jindirizza l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet emerġenti tal-utenti minn sorsi ġodda tad-*data* għal perjodu itwal fil-futur.

Barra minn hekk, Artikolu speċifiku fuq il-kondiviżjoni tad-*data* jiddeskrivi kif tista' tiġi kondiviża d-*data* kunfidenzjali skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] għall-finijiet speċifiċi tal-istatistika dwar il-popolazzjoni. Minn naħa, l-esperjenza preċedenti turi li hemm bżonn kooperazzjoni transfruntiera bejn l-NSIs abbażi ta' rekords individwali, biex jissolvew b'mod effettiv ċerti kwistjonijiet ta' kopertura relatati mal-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament (UE) 2016/679 jillimita b'mod strett il-kondiviżjoni tad-*data* f'dan il-kuntest, abbażi ta' sitt prinċipji li jinkludu l-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, u l-integrità u l-kunfidenzjalità. Biex tippermetti kondiviżjoni effettiva tad-*data* għall-finijiet ta' kwalità f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, din il-proposta teħtieġ l-ittestjar u l-użu ta' teknoloġiji li jtejbu l-privatezza u li jimplimentaw il-minimizzazzjoni tad-*data* mid-disinn. Il-Kummissjoni (Eurostat) trid tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-*data* u tiżgura l-integrità teknika u l-kunfidenzjalità tal-ipproċessar tad-*data*.

Fl-aħħar nett, il-parti tal-proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 taqdi tliet skopijiet distinti, jiġifieri li:

(1) jiċkien il-kamp ta' applikazzjoni statistiku tiegħu billi jitħassar l-Artikolu 3, u s-suġġetti statistiċi tiegħu jiġu trasferiti fil-qafas il-ġdid tal-ESOP;

(2) jiżdiedu l-faċilitaturi legali tal-awtoritajiet tal-istatistika għal aċċess fil-ħin u użu mill-ġdid tas-sorsi tad-*data* amministrattiva għall-finijiet ta' dak ir-Regolament, f'konformità mal-faċilitaturi estiżi li ġew miżjuda mal-proposta tal-ESOP stess;

(3) ikun żgurat li l-listi tal-pajjiżi u t-territorji użati għall-finijiet ta' dak ir-Regolament jiġu armonizzati mal-listi użati fil-qafas il-ġdid tal-ESOP.

Biex tkun żgurata l-konsistenza, ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 jeħtieġ jiġi emendat permezz tal-proposta tal-ESOP għax is-suġġetti statistiċi qed jiġu trasferiti minn dak ir-Regolament għall-qafas il-ġdid tal-ESOP. Hemm raġunijiet statistiċi u metodoloġiċi importanti għal dan l-approċċ:

– Il-"migrazzjoni" kif koperta attwalment skont l-Artikolu 3(1)(a-c) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tirreferi għall-kunċett demografiku fundamentali ta' persuni li jiċċaqilqu biex jgħixu f'pajjiż differenti, jiġifieri parti mill-flussi li jbiddlu l-bilanċ demografiku ta' pajjiż. Il-proposta tal-ESOP għandha l-għan li tintroduċi – għall-ewwel darba – bażi ġuridika unika u koerenti għall-elementi kollha tal-bilanċ demografiku. Din jenħtieġ li tkopri l-flussi kollha, inkluż l-avvenimenti vitali (it-twelidijiet, l-imwiet) iżda anki l-flussi u l-istokkijiet migratorji – fis-sens ta' bidla tar-residenza minn pajjiż għal ieħor.

[18] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

– “Il-ksib u t-telf taċ-ċittadinanza” kif koperti attwalment mill-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 huma suġġetti statistiċi li fin-natura tagħhom huma relatati mill-qrib mal-bilanċ demografiku għax jikkumplimentaw l-avvenimenti vitali bil-bidliet (żidiet u tnaqqisiet) tal-popolazzjoni taċ-ċittadini residenti fil-pajjiż.

L-emendi l-oħra kollha proposti għar-Regolament (KE) Nru 862/2007 (bidla fit-titolu, tħassir tal-paragrafi dwar is-suġġett fl-Artikolu 1 u tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2) huma għax issa qed jiċkien il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

2023/0008 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[19],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[20],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

(2) L-istatistika dwar il-popolazzjoni hi denominatur importanti għal firxa wiesgħa ta' indikaturi ta' politika u tintuża bħala referenza fl-istatistika Ewropea kollha, b'mod partikolari biex jingħataw oqfsa tal-kampjunar għal stħarriġiet rappreżentattivi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi, skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21].

(3) Il-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji sikwit jagħti mandat lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jevalwa s-sostenibbiltà fit-tul u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi skont il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni magħmulin mill-Eurostat. Il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni jintużaw ukoll għall-analiżi tal-politika fil-kuntest tas-

[19] ĠU C , , p. .

[20] ĠU C , , p. .

[21] Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-istatistika kollha li teħtieġ biex tipproduċi u tippubblika projezzjonijiet tal-popolazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-Unjoni.

(4) F'konformità mal-Artikolu 175(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kull tliet snin il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Id-*data* reġjonali u lokali inkluż għal tipi territorjali differenti bħar-reġjuni tal-fruntieri, il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali tagħhom, ir-reġjuni metropolitani, ir-reġjuni rurali, ir-reġjuni muntanjużi u tal-gżejjer hija meħtieġa għat-tħejjija ta' dawk ir-rapporti u għall-monitoraġġ regolari tal-iżviluppi demografiċi u tal-isfidi demografiċi futuri possibbli fit-territorji tal-Unjoni.

(5) Skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill hija definita, fost l-oħrajn, abbażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22], l-Istati Membri bħalissa huma obbligati jipprovdu *data* lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali.

(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[23] u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-*data* minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal *data* affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.

(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, *data* ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-*data* ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-*data* mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-*data* permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

[23] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

(8) Kull għaxar snin, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, wara proposta mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, jadotta riżoluzzjonijiet dwar iċ-Ċensiment Dinji tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni u jistieden lill-Istati Membri tan-NU biex iwettqu ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni skont rakkomandazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u billi jħaddmu l-integrità, l-affidabbiltà, l-eżattezza u l-valur tar-riżultati taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tqis dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta l-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u jiffaċilita t-tnaqqis tal-piż billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-*data* disponibbli, inkluż id-*data* amministrattiva.

(10) L-evalwazzjoni tal-istatistika eżistenti[25] dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni, l-istatistika dwar il-flussi migratorji internazzjonali, l-istokkijiet migratorji, u l-istatistika dwar il-kisbiet taċ-ċittadinanza u dwar id-demografija wriet li l-qafas legali attwali li jinkludi r-Regolamenti (KE) Nru 862/2007[26], (KE) Nru 763/2008[27] u (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill wassal għal titjib ġenerali sinifikanti fl-istatistika meta mqabbel mas-sitwazzjoni tal-2005 meta l-qafas legali attwali ma kienx fis-seħħ. Madankollu, dak il-qafas għandu l-potenzjal ta' nuqqas ta' koerenza u komparabbiltà, li jenħtieġ li jiġi indirizzat.

(11) Is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar fil-ħin, aktar frekwenti u aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinsiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid,

---

24 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

25 SWD(2023) 13.

26 Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

27 Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14).

aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.

(12) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 ikopri l-istatistika dwar il-pajjiż taċ-ċittadinanza u l-post tat-twelid tal-popolazzjoni residenti (stokkijiet migratorji), dwar il-bidliet tar-residenza bejn il-pajjiżi (flussi migratorji internazzjonali) u dwar il-kisbiet taċ-ċittadinanza tal-popolazzjoni residenti, filwaqt li l-istatistika l-oħra skont dak ir-Regolament tikkonċerna l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji relatati mal-leġiżlazzjoni tal-immigrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, l-istatistika skont l-Artikolu 3 hija marbuta mill-qrib u jenħtieġ li tkun konsistenti mal-istatistika dwar il-popolazzjoni residenti u l-bidliet demografiċi tagħha prevista skont ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013. Għaldaqstant, biex tkun żgurata l-konsistenza intrinsika, din l-istatistika jenħtieġ li tiġi integrata f'bażi legali waħda u jitħassar l-Artikolu 3 mir-Regolament (KE) Nru 862/2007.

(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.

(14) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] jistabbilixxi metodoloġija abbażi tal-grilja għad-definizzjoni ta' tipoloġiji territorjali bbażati fuq id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni f'ċelloli tal-grilja ta' kilometru kwadru. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1799[29] bħala azzjoni statistika diretta temporanja li takkumpanja ċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni tal-2021 jipprevedi eżiti ewlenin taċ-ċensiment dwar grilja pan-Ewropea ta' kilometru kwadru. Jenħtieġ li l-qafas legali jiżgura d-disseminazzjoni kontinwa ta' statistika dwar il-popolazzjoni ġeoreferenzjata abbażi tal-grilji, u li jkun jista' jiġi estiż għall-istatistika dwar l-akkomodazzjoni.

(15) L-unitajiet territorjali u l-grilji tal-istatistika jenħtieġ li jiġu definiti skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

(16) Għall-ġeokodifikazzjoni tal-pożizzjoni, jenħtieġ li tintuża t-tema tal-Unitajiet Statistiċi f'konformità mal-Anness III tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30].

(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet

[28] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

[29] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1799 tal-21 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment ta' azzjoni statistika diretta temporanja għad-disseminazzjoni ta' suġġetti magħżula taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar tal-2021 ġeokodifikat fuq grilja ta' 1 $km^2$ (ĠU L 296, 22.11.2018, p. 19).

[30] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

statistiċi. Hemm bżonn titjib fl-eżiti statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi fis-soċjetà.

(18) L-istatistika regolari (annwali u infrannwali) mtejba dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni msejsa fuq sorsi amministrattivi, jenħtieġ li tiġi kkumplimentata b'informazzjoni minn ċensimenti kkoordinati tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni li jsiru kull għaxar snin skont il-Prinċipji u r-Rakkomandazzjonijiet tan-NU. Daqstant importanti, iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni huma opportunità unika biex l-istatistika uffiċjali tkun viżibbli, kemm mil-lat ta' operazzjonijiet u anki mil-lat ta' riżultati.

(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' *data* amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-*data* amministrattiva jiġu inklużi.

(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-*data* biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-*data* amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq *data* amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-*data* amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

(21) Fl-aħħar snin, inħolqu bażijiet tad-*data* komprensivi fil-livell tal-Unjoni u sistemi tal-interoperabbiltà relatati mar-residenza, l-avvenimenti vitali, iċ-ċittadinanza u l-movimenti migratorji u transfruntieri tal-popolazzjoni bħal dawk stabbiliti skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014[32], (UE) 2018/1724[33], (UE) 2019/817[34] u (UE) 2019/818[35] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn jipprovdu informazzjoni utli li

---

[31] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[32] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

[33] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

[34] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

[35] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

tista' terġa' tintuża għall-kompilazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

(22) F'dak ir-rigward, hu essenzjali li l-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tuża mill-ġdid din id-*data* għal finijiet statistiċi biss, filwaqt li tapplika b'mod strett ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza tad-*data*, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]. Dan jenħtieġ li jkun japplika b'mod partikolari għad-*data* statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) f'konformità mal-għan tas-CRRS stabbilit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/817 u fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, u f'konformità mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-*data* statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. B'mod partikolari, meta jitqies li s-CRRS għandu jipprovdi *data* statistika u rapportar analitiku transsettorjali għall-finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-*data*, il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-Qasam tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja (eu-LISA), sa fejn ikun possibbli, biex tingħata l-istatistika Ewropea meħtieġa.

(23) Id-*data* miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-*data* għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-*data* u jużawha.

(24) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hu essenzjali li jintużaw id-definizzjonijiet komuni tal-popolazzjoni u jiġu implimentati b'mod armonizzat. Biex il-bażi armonizzata unika tal-popolazzjoni tiġi implimentata b'mod konsistenti, sod u kosteffettiv filwaqt li jkunu żgurati riżultati fil-ħin, jeħtieġ li jiġu applikati ċerti metodi statistiċi u tekniki tal-immudellar bħas-"sinjali tal-ħajja" u r-"rata tas-soġġorn".

(25) L-Istati Membri jenħtieġ li jibagħtu d-*data* u l-metadata tagħhom b'mod elettroniku u bil-format tekniku xieraq li se tipprovdi l-Kummissjoni. Jenħtieġ li jintużaw l-istandards internazzjonali, bħall-inizjattiva tal-Iskambju tad-*Data* u tal-Metadata tal-Istatistika (SDMX), u l-istandards tekniċi jew tal-istatistika elaborati fl-Unjoni, bħall-istandards tal-metadata u tal-validazzjoni jew il-prinċipji tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, sa fejn ikun rilevanti għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. L-ESSC approva l-istandards tal-ESS għall-metadata u r-rapporti tal-kwalità, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dawk l-istandards iridu jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tar-rapportar skont dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti.

(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika. L-aċċess għal din l-istatistika jenħtieġ li jkun bla ħlas u faċli, mill-bażijiet tad-*data* tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

(27) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar il-forniment tad-*data* mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-*data*, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali. Il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li d-*data* kunfidenzjali tingħata u tintuża esklużivament għall-finijiet tal-istatistika f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 ta' dak ir-Regolament.

(28) Il-Kummissjoni (Eurostat) trid tirrispetta l-kunfidenzjalità statistika tad-*data* mogħtija mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Rigward l-istatistika dwar il-popolazzjoni miġbura skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinħoloq approċċ armonizzat li jiżgura kwalità għolja tal-aggregati Ewropej, jevita l-iżvelar tad-*data* kunfidenzjali fl-eżiti statistiċi, u jevita kemm jista' jkun is-soppressjoni tad-*data*.

(29) Is-sorsi tad-*data* disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqbdu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll asimetriji fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-*data* għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-*data*. Din il-kondiviżjoni msaħħa tad-*data* tista' tkopri firxa wiesgħa tad-*data* rilevanti, minn *data* li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew indirettament, għal *data* potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-*data*, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-*data* u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha.

(30) Meta l-kondiviżjoni tad-*data* tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-*data*, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. B'mod partikolari, fuq it-trażmissjoni diretta tad-*data* jenħtieġ li tingħata preferenza lill-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tad-*data* bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji.

(31) Il-kondiviżjoni tad-*data* kunfidenzjali jenħtieġ li ssir biss wara talba li tiġġustifika l-ħtieġa ta' kondiviżjoni ta' din id-*data* f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

---

[37] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(32) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika li jimmitigaw il-kwistjonijiet transfruntieri dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li jaħtfu l-vantaġġ kemm jista' jkun tal-identifikaturi diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament.

(34) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex tkun tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-*data* li joħorġu mill-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, u mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika, migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li twettaq studji pilota biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis ċerti aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-*data* xierqa.

(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi *ad hoc*. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[39]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(36) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[41],(Euratom, KE) Nru 2185/96[42] u (UE) 2017/1939[43], l-interessi

---

[38] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[40] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[41] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

[42] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[43] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

finanzjarji tal-Unjoni jridu jitħarsu b'miżuri proporzjonati, inkluż b'miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, biex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin, u, meta xieraq, bl-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kull persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet meħtieġa u aċċess lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw b'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti d-drittijiet ekwivalenti.

(37) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament b'rabta mal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-*data* u tal-metadata, il-formati tekniċi u l-proċeduri għall-forniment tad-*data* u tal-metadata, il-kontenut u l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45].

(38) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teħtieġ adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru għal forniment tad-*data* b'perjodiċità inqas minn għaxar (10) snin, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati u għal żmien limitat, tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati.

(39) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-konsistenza u l-komparabbiltà, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri biex tilħaq dak l-objettiv f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(40) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu nhar [xxx].

(41) Anki l-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat,

---

[44] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadinanza" tfisser ir-rabta legali partikulari bejn persuna fiżika u l-Istat tiegħu jew tagħha, miksuba bit-twelid jew bin-naturalizzazzjoni, kemm jekk b'dikjarazzjoni, b'għażla, bi żwieġ, b'adozzjoni jew b'xi mezz ieħor skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(2) "residenza abitwali" tfisser il-post fejn persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament mill-assenzi temporanji minħabba rikreazzjoni, vaganzi, żjarat lill-ħbieb u lill-qraba, negozju, trattament mediku jew pellegrinaġġi reliġjużi. Il-persuni li ġejjin biss għandhom jitqiesu bħala residenti abitwali ta' żona ġeografika speċifika:

    (a) dawk li għexu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom ħafna mill-ħin fit-12-il xahar qabel u fid-data ta' referenza; jew

    (b) dawk li waslu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom tul it-12-il xahar qabel u fid-data ta' referenza, u li beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu hemm għal ħafna mill-ħin għal mill-inqas 12-il xahar wara l-wasla;

(3) "sinjali tal-ħajja" tfisser informazzjoni li tindika l-preżenza attwali u r-residenza abitwali ta' persuna fit-territorju ta' interess. Dawn jistgħu jinkisbu mingħand sors xieraq jew kombinament tagħhom, inkluż traċċi diġitali li jirrelataw mal-persuna;

(4) "rata tas-soġġorn" tfisser il-proporzjon tal-għadd tal-persuni li waslu fil-post ta' interess tul perjodu taż-żmien partikolari u li baqgħu fl-istess post għal mill-inqas 12-il xahar, mat-total tal-persuni li waslu fl-istess post tul l-istess perjodu taż-żmien;

(5) "migrazzjoni internazzjonali" tfisser l-avveniment biex persuna tistabbilixxi r-residenza abitwali tagħha fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, u li qabel kienet abitwalment residenti fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor;

(6) "immigrant" tfisser persuna li għaddiet minn migrazzjoni internazzjonali tul il-perjodu ta' referenza biex tistabbilixxi r-residenza abitwali l-ġdida tagħha fil-pajjiż tar-rapportar;

(7) "migrant" tfisser persuna li għaddiet minn migrazzjoni internazzjonali tul il-perjodu ta' referenza biex tistabbilixxi r-residenza abitwali l-ġdida tagħha barra mill-pajjiż tar-rapportar, u li qabel kienet abitwalment residenti fil-pajjiż tar-rapportar;

(8) "migrazzjoni interna" tfisser l-avveniment biex persuna tbiddel il-post tar-residenza abitwali tagħha fit-territorju tal-pajjiż tar-rapportar;

(9) "post tal-għajxien" tfisser struttura temporanja jew permanenti, post ta' kenn jew ta' alloġġ fejn tkun qed tgħix persuna waħda jew aktar, irrispettivament minn jekk ikunx imfassal jew maħsub għall-abitazzjoni tal-bniedem;

(10) “abitazzjoni konvenzjonali” tfisser bini f’post fiss li jkun imfassal għal abitazzjoni permanenti tal-bniedem iżda li mhux maħsub għal akkomodazzjoni istituzzjonali jew kollettiva;

(11) “bini maħsub għall-abitazzjoni” tfisser struttura permanenti magħmula minn abitazzjoni konvenzjonali waħda jew aktar, jew li hija maħsuba għal akkomodazzjoni istituzzjonali jew kollettiva.

(12) “unità domestika” tfisser grupp ta’ żewġ persuni jew aktar li jaqsmu post tal-għajxien jew riżorsi speċifiċi oħra; jew persuna individwali li ma tifformax parti minn unità domestika oħra;

(13) “familja” tfisser grupp ta’ żewġ persuni jew aktar li jgħixu fl-istess unità domestika u li huma relatati bil-paternità jew bi sħubija matrimonjali, reġistrata jew unjoni konsenswali;

(14) “rekords amministrattivi” tfisser *data* ġġenerata minn sors nonstatistiku, normalment reġistru miżmum minn korp pubbliku, li l-għan ewlieni tiegħu ma jkunx il-forniment tal-istatistika;

(15) “dominju” tfisser sett wieħed jew aktar tad-*data* li jkopri suġġetti speċifiċi;

(16) “suġġett” tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi, u kull suġġett ikun ikopri għadd ta’ suġġetti dettaljati;

(17) “suġġett dettaljat” tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi relatati ma’ suġġett, u kull suġġett dettaljat ikun ikopri varjabbli wieħed jew aktar;

(18) “sett tad-*data*” tfisser statistika fil-forma ta’ varjabbli wieħed jew aktar organizzati f’forma strutturata;

(19) “ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni” tfisser is-settijiet tad-*data* u metadata dettaljati ta’ għaxar snin li jridu jiġu pprovduti skont dan ir-Regolament;

(20) “unità statistika” tfisser membru wieħed ta’ univers ta’ entitajiet, jiġifieri persuni, oġġetti jew avvenimenti li dwarhom tinġabar id-*data* u fl-aħħar mill-aħħar tiġi kkompilata l-istatistika;

(21) “varjabbli” tfisser karatteristika ta’ unità statistika li jista’ jkollha aktar minn sett wieħed ta’ valuri;

(22) “diżaggregazzjoni” tfisser sett ta’ valuri predefiniti diskreti, eżawrjenti u reċiprokament esklużivi li jistgħu jiġu assenjati lil varjabbli li jikkaratterizzaw lil unitajiet statistiċi;

(23) “livell nazzjonali” tfisser it-territorju ta’ Stat Membru;

(24) “livell reġjonali” tfisser il-livell NUTS3 kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(25) “livell lokali” tfisser il-livell tal-unità amministrattiva lokali (LAU) kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(26) “livell tal-grilja” tfisser grilja statistika kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(27) “oqfsa” tfisser lista, materjal jew apparat li jiddelimita u jidentifika l-elementi tal-popolazzjoni fil-mira. Skont l-użu, qafas jista’ jippermetti aċċess għal karatteristiċi addizzjonali tal-elementi u/jew jipprovdihom;

(28) “data ta’ referenza” tfisser il-mument tal-ħin li għalih tirreferi l-istatistika;

(29) “perjodu ta’ referenza” tfisser l-intervall taż-żmien li għalih tirreferi l-istatistika dwar l-avvenimenti;

(30) “żmien ta’ referenza” tfisser data ta’ referenza jew perjodu ta’ referenza, skont jekk l-istatistika tkunx dwar avvenimenti jew dwar unitajiet statistiċi oħra;

(31) “metadata” tfisser informazzjoni meħtieġa biex l-istatistika tkun tista’ tintuża u tiġi interpretata, u li tiddeskrivi s-settijiet tad-*data* b’mod strutturat;

(32) “settijiet tad-*data* verifikati minn qabel” tfisser settijiet tad-*data* verifikati mill-Istati Membri, abbażi ta’ regoli komuni miftiehma ta’ validazzjoni;

(33) “rapport tal-kwalità” tfisser rapport li jagħti informazzjoni dwar il-kwalità ta’ prodott jew proċess statistiku.

*Artikolu 3*
*Bażi tal-popolazzjoni*

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, il-bażi tal-popolazzjoni tikkonsisti fil-persuni kollha li fid-data ta’ referenza jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Unjoni f’unità territorjali speċifikata ta’ Stat Membru fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali jew tal-grilja.

2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew minn jekk il-persuna hix jew kinitx qabel mingħajr Stat, u irrispettivament minn jekk ir-residenza jew is-soġġorn tal-persuna humiex awtorizzati jew permessi mill-awtoritajiet rilevanti.

3. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha teskludi lill-persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom barra mit-territorju tal-Istat Membru irrispettivament mill-post tat-twelid jew taċ-ċittadinanza, u irrispettivament minn kull rabta familjari, soċjali, ekonomika jew ta’ proprjetà li l-persuna jista’ jkollha mal-Istat Membru.

4. Il-persuni mingħajr residenza abitwali għandhom jiġu attribwiti, bħala post tar-residenza abitwali, il-post fejn ikunu fid-data ta’ referenza.

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-definizzjoni ta’ residenza abitwali stabbilita f’dan ir-Regolament għas-settijiet tad-*data* kollha mogħtija lill-Kummissjoni (Eurostat) skont dan ir-Regolament u għal-livell nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-grilja.

6. Meta japplikaw id-definizzjoni ta’ residenza abitwali, l-Istati Membri għandhom jużaw:

(a) sors tad-*data* wieħed jew kombinament ta’ sorsi tad-*data* elenkati fl-Artikolu 9(1);

(b) metodi ta’ stima bħal “sinjali tal-ħajja” biex jikkoreġu l-preżenza proprja fil-post preżunt tar-residenza abitwali għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar sad-data ta’ referenza, u “rata tas-soġġorn” biex jiġi stmat l-għadd ta’ persuni li jkun beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar wara l-wasla.

*Artikolu 4*
*Unitajiet statistiċi*

L-istatistika skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkumpilata għall-unitajiet statistiċi li ġejjin:

(a) persuni;

(b) avvenimenti vitali;

(c) familji;

(d) unitajiet domestiċi;

(e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni, postijiet tal-għajxien u abitazzjonijiet konvenzjonali.

*Artikolu 5*
*Rekwiżiti tal-istatistika*

1. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni għandha tkopri d-dominji li ġejjin:

   (a) id-demografija

   (b) l-akkomodazzjoni;

   (c) il-familji u l-unitajiet domestiċi.

2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-*data* skont is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati kif stabbilit fl-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-lista tas-suġġetti dettaljati fl-Anness. L-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti.

4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jixħtux piż sinifikanti u sproporzjonat fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ. Kull suġġett dettaljat ġdid għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tas-settijiet tad-*data* u tal-metadata li jridu jingħataw lill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:

   (a) it-titoli tal-varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

   (b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;

   (c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li jridu jintużaw;

   (d) l-iskadenzi tal-forniment;

   (e) il-formati tekniċi tas-settijiet tad-*data* u l-forniment tal-metadata;

(f) il-kontenut, l-istruttura, il-perjodiċità, il-modalitajiet u l-iskadenzi tal-forniment tar-rapporti tal-kwalità, u speċifikazzjonijiet oħra meta dawn ikunu meħtieġa u ġustifikati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) mill-inqas 12-il xahar qabel ma jibda l-perjodu ta' referenza rilevanti, għajr għaċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni li għalih l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-inqas 24 xahar qabel ma tibda s-sena meta taħbat id-data ta' referenza.

*Artikolu 6*

*Perjodiċità u żminijiet ta' referenza*

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni trimestrali, biannwali, annwali u pluriennali, u f'ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.

2. Is-snin li jintemmu b'"1" għandhom ikunu s-snin ta' referenza għaċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.

3. Is-snin li jintemmu bil-"1", bil-"5" u bit-"8" għandhom ikunu s-snin ta' referenza għall-istatistika pluriennali.

4. Il-perjodiċità u ż-żmien ta' referenza (perjodu ta' referenza jew data ta' referenza) għal kull suġġett dettaljat għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

5. L-ewwel data ta' referenza li għaliha trid tingħata l-istatistika annwali dwar is-suġġett "stokkijiet tal-popolazzjoni" għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2025. L-ewwel żmien ta' referenza li għalih trid tingħata kull statistika oħra skont dan ir-Regolament għandu jkun fl-2026.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-Anness billi taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza.

*Artikolu 7*

*Rekwiżiti tal-istatistika* ad hoc

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu settijiet tad-*data ad hoc* u metadata lill-Kummissjoni (Eurostat).

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-*data* u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi *ad hoc*, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament.

3. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw:

   (a) is-suġġetti dettaljati li jridu jingħataw fis-settijiet tad-*data ad hoc* u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;

   (b) iż-żminijiet ta' referenza.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati kif imsemmi fil-paragrafu 2 li jibdew mis-sena ta' referenza 2027 u bi intervall minimu ta' sentejn bejn kull ġbir *ad hoc*.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proprjetajiet tekniċi tas-settijiet tad-*data ad hoc* u l-metadata imsemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:

(a) it-titoli tal-varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

(b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;

(c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li jridu jintużaw;

(d) l-iskadenzi tal-forniment.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) fi żmien 12-il xahar qabel jibda ż-żmien ta' referenza.

*Artikolu 8*

*Settijiet tad-*data *u l-metadata li trid tingħata l-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu settijiet tad-*data* u metadata verifikati minn qabel, bil-format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Is-settijiet tad-*data* u l-metadata għandhom jingħataw lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz tas-servizzi tal-punt uniku ta' dħul.

2. Meta l-Istati Membri jippubblikaw l-istatistika meħtieġa minn dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali qabel l-iskadenzi tal-forniment stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 7(5), dawn għandhom jipprovduhom lill-Kummissjoni (Eurostat) kif ġej:

(a) l-istatistika tal-perjodiċità trimestrali u biannwali fi żmien jum tax-xogħol wieħed wara l-pubblikazzjoni nazzjonali;

(b) l-istatistika tal-perjodiċità annwali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni nazzjonali;

(c) l-istatistika tal-perjodiċità pluriennali u ta' kull għaxar snin fi żmien sebat ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat):

(a) settijiet tad-*data* u metadata riveduti jekk tkun saret xi reviżjoni wara li jkunu ngħataw inizjalment is-settijiet tad-*data* meħtieġa skont dan ir-Regolament;

(b) settijiet tad-*data* u metadata riveduti għall-perjodu taż-żmien rilevanti jekk tkun saret xi reviżjoni fis-settijiet tad-*data* mogħtija lill-Kummissjoni (Eurostat) qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Is-settijiet tad-*data* u l-metadata riveduti għandhom jingħataw sal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jiġu kkumplimentati b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12.

*Artikolu 9*
*Sorsi tad-*data *u metodi*

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw sors wieħed tad-*data* jew kombinament tagħhom minn dawn li ġejjin, diment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12:

   (a) sorsi tad-*data* amministrattiva;

   (b) stħarriġiet statistiċi jew ġbir ieħor tad-*data* statistika;

   (c) sorsi oħra, inkluż *data* miżmuma privatament;

   (d) l-użu mill-ġdid ta' *data* derivata mill-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw il-kwalità tas-sorsi tad-*data* tagħhom, inkluż tar-rekords amministrattivi u sorsi xierqa oħra użati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw kontinwament sorsi u metodi innovattivi u jużawhom biex itejbu l-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament, diment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12.

4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa prattiki bħas-"sinjali tal-ħajja", ir-"rata tas-soġġorn" u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri.

5. Meta jintalbu għal raġunijiet ta' valutazzjoni tal-kwalità statistika, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-*data*, id-dokumentazzjoni tal-metodi u l-kjarifiki meħtieġa.

*Artikolu 10*
*Aċċess fil-ħin u użu mill-ġdid tad-*data *amministrattiva*

1. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-*data* amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-*data* fil-ħin u bi frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. L-aċċess fil-ħin għar-rekords amministrattivi, u l-modalitajiet operazzjonali tiegħu, għandu jiġi inkluż fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jridu jiġu stabbiliti bejn dawk l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u terġa' tuża fil-ħin id-*data* u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-*data* u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014, (UE) 2018/1724 u *data* statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS), f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 u mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-*data* statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għaldaqstant, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-*data* statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika

Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, il-modalitajiet operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha.

*Artikolu 11*
*Listi tal-pajjiżi u tat-territorji*

1. Meta s-settijiet tad-*data* jkunu jinkludu informazzjoni skont il-pajjiż jew it-territorju, l-Istati Membri għandhom jużaw diżaggregazzjonijiet speċifiċi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 862/2007.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw jew jaġġornaw il-listi tal-pajjiżi u tal-unitajiet territorjali li għandhom japplikaw għad-diżaggregazzjoni tal-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) ta' dan ir-Regolament. Dawn il-listi għandhom jiġu speċifikati f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

3. L-atti ta' implimentazzjoni li jemendaw aktar minn terz tal-kategoriji ta' diżaggregazzjoni tal-pajjiżi jew tat-territorji għandhom japplikaw mhux qabel 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

*Artikolu 12*
*Rekwiżiti tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tas-settijiet tad-*data* u l-metadata pprovduti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u effettivi biex:

   (a) jimplimentaw ir-regoli relatati mal-bażi tal-popolazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, b'mod uniformi u indipendenti mis-sorsi tad-*data* użati;

   (b) jaqbdu jew jagħmlu stima tal-gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu;

   (c) jikkontrollaw l-eżawrjenza u l-eżattezza tal-popolazzjoni koperta f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

   (d) jistabbilixxu oqfsa li huma validi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1700;

   (e) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' duplikar relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntieri relatati mal-avvenimenti vitali, u d-drittijiet tal-persuna li tixtri proprjetà transfruntiera, u li tippossjedi u tuża proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni;

   (f) inaqqsu l-asimetriji tal-flussi migratorji;

   (g) jipprovdu d-*data* meħtieġa kollha lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tiżgura l-kompletezza tal-istatistika Ewropea ppubblikata.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-ewwel darba sal-31 ta' Marzu 2027 u mbagħad kull sena li tintemm biż-"0", bi "3" jew b'"7", li jiddeskrivi l-kwalità tal-istatistika pprovduta u l-proċessi statistiċi għas-settijiet tad-*data* pprovduti tul il-perjodu, inkluż b'mod partikolari dwar is-sorsi tad-*data* u l-metodi użati, l-applikazzjoni tal-kunċetti u d-definizzjonijiet u l-effetti

possibbli relatati fuq il-kwalità tas-sorsi tad-*data* magħżula, ir-reviżjonijiet tad-*data* u r-raġunijiet u l-impatti tagħhom, il-metodi tal-kontroll tal-iżvelar statistiku, u dettalji ta' kif intlaħqu l-kriterji tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 2 u jekk il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 kinux effettivi.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta.

6. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) titlob dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika.

*Artikolu 13*
*Kondiviżjoni tad-*data

1. Id-*data* għandha tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri differenti, u bejn dawn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni (Eurostat), esklużivament għall-finijiet ta' żvilupp u produzzjoni tal-istatistika Ewropea regolata minn dan ir-Regolament u biex titjieb il-kwalità tagħha.

2. Fl-interess tal-kondiviżjoni sigura tad-*data* fl-ESS, għandhom jittieħdu s-salvagwardji kollha meħtieġa b'rabta mal-protezzjoni fiżika u loġika tad-*data*. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1. Għall-istatistika skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jużaw din l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-*data* għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

3. Meta d-*data* kkonċernata tkun *data* kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jew *data* personali skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, il-kondiviżjoni ta' dik id-*data* għandha tkun permessa u tista' ssir b'mod volontarju diment li tkun:

   (a) ibbażata fuq talba li tiġġustifika l-ħtieġa li d-*data* tiġi kondiviża f'kull każ individwali, b'mod partikolari b'rabta ma' kwistjonijiet tal-kwalità li jridu jiġu indirizzati speċifikament;

   (b) ibbażata preferibbilment fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;

   (c) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri għandhom iwettqu studji pilota biex jittestjaw u jivvalutaw l-adegwatezza tat-teknoloġiji rilevanti li jtejbu l-privatezza fil-kondiviżjoni tad-*data*.

5. Meta l-istudji pilota skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jidentifikaw soluzzjonijiet effettivi u siguri għall-kondiviżjoni tad-*data* għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu

speċifikazzjonijiet tekniċi għall-kondiviżjoni tad-*data* u miżuri għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-informazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

*Artikolu 14*
*Studji pilota u tal-fattibbiltà*

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, meta meħtieġ u xieraq għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tniedi studji pilota u tal-fattibbiltà bil-għan li:

   (a) tivvaluta d-disponibbiltà tas-sorsi tad-*data* u l-kwalità tagħhom, inkluż ta' *data* miżmuma pubblikament u privatament fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni;

   (b) tiżviluppa u tivvaluta l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' suġġetti, suġġetti dettaljati, unitajiet statistiċi, varjabbli ġodda u d-diżaggregazzjoniet tagħhom;

   (c) tiżviluppa metodoloġiji u tekniki statistiċi ġodda biex issaħħaħ il-kwalità;

   (d) tnaqqas l-asimetriji tal-flussi migratorji;

   (e) tittestja u tivvaluta l-adegwatezza ta' teknoloġiji rilevanti li jsaħħu l-privatezza għal kondiviżjoni sigura tad-*data* fl-ESS f'konformità mal-Artikolu 13(4).

2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji iżda, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jiżguraw ir-rappreżentattività ta' dawk l-istudji fil-livell tal-Unjoni.

3. Ir-riżultati ta' dawk l-istudji għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji rapporti b'kooperazzjoni mal-Istati Membri dwar is-sejbiet ta' dawk l-istudji.

*Artikolu 15*
*Finanzjament*

1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

   (a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sorsi tad-*data*, metodoloġiji, kondiviżjoni tad-*data*, unitajiet statistiċi, suġġetti, suġġetti dettaljati, varjabbli ġodda jew imtejba, u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

   (b) il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fi studji pilota u tal-fattibbiltà rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90% tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 16*
*Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

Meta pajjiż terz jipparteċipa fl-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament b'deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' xi strument ġuridiku ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzatorju responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-UPPE jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-

drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

*Artikolu 17*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal żmien indefinit li jibda minn [*OP: insert exact date of entry into force of the Regulation*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssirx oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

*Artikolu 18*
*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 19*
*Derogi*

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien sa sentejn.

2. Meta tagħti d-derogi, il-Kummissjoni għandha tqis il-komparabbiltà tal-istatistika tal-Istat Membri u l-kalkolu fil-ħin tal-aggregati Ewropej rappreżentattivi u affidabbli meħtieġa. Meta tagħti d-derogi, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-rekwiżiti

relatati mal-istatistika, mal-metadata u mal-kwalità koperti minn dan ir-Regolament u li qabel kienu koperti mir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 jew mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 jissoktaw bla interruzzjoni.

3. L-Istat Membru għandu jippreżenta talba debitament ġustifikata għal deroga lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implementazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

*Artikolu 20*

*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 862/2007*

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej: "Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Ewropea dwar il-proċeduri tal-ażil u dwar il-proċeduri amministrattivi u ġuridiċi relatati mal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin";

(2) Fl-Artikolu 1, il-punti (a) u (b) jitħassru;

(3) fl-Artikolu 2(1), jitħassru l-punti (a), (b), (c), (f) u (g);

(4) l-Artikolu 3 jitħassar;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 9c li ġej:

*"Artikolu 9c*

*Aċċess fil-ħin u użu mill-ġdid tad-*data *amministrattiva*

1. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-*data* amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-*data* fil-ħin u bi frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. L-aċċess fil-ħin għar-rekords amministrattivi, u l-modalitajiet operazzjonali tiegħu, għandu jiġi inkluż fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jridu jiġu stabbiliti bejn dawk l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u terġa' tuża fil-ħin id-*data* u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-*data* u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014, (UE) 2018/1724 u *data* statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS), f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 u mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-*data* statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għaldaqstant, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-*data* statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, il-modalitajiet operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha."

(6) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

*"Artikolu 10a*
*Listi tal-pajjiżi u t-territorji*

Il-listi tal-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Artikolu 11 ta' [*OP: insert correct reference to this Regulation*] għandhom jiġu applikati għall-kompilazzjoni tal-istatistika skont dan ir-Regolament biex tkun żgurata l-komparabbiltà tad-dettalji speċifiċi għall-pajjiżi u għat-territorji fl-istatistika Ewropea kollha. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-listi għall-ewwel darba biex jikkompilaw l-istatistika dovuta skont dan ir-Regolament li tibda bit-trażmissjonijiet tad-*data* għas-sena ta' referenza 2026."

*Artikolu 21*
*Revoka*

Ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 huma revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2026 mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'dawk l-atti legali b'rabta mal-perjodi ta' referenza li jaħbtu, kompletament jew parzjalment, qabel dik id-data.

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 22*
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fl-immedjat jew fit-tul, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinkiseb mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

### 1.6. Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet tal-pagament u tal-istrateġija tal-kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i tal-kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (waqt il-ħlas u fl-għeluq)*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi*

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

3403 – Il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[46]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☒ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Din il-proposta għandha l-objettiv ġenerali li tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tal-utenti, u li timmodernizza u ttejjeb ir-rilevanza, l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-objettiv ġenerali jinqasam f'erba' objettivi speċifiċi:

1) tkun żgurata statistika Ewropea kompluta, koerenti u komparabbli dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni;

2) tkun żgurata statistika fil-ħin u frekwenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti;

3) tingħata statistika li tkun komprensiva biżżejjed mil-lat ta' suġġetti rilevanti, u dettaljata biżżejjed mil-lat ta' karatteristiċi u diżaggregazzjonijiet;

4) jiġu promossi oqfsa legali u tal-ġbir tad-*data* li huma flessibbli biżżejjed biex jadattaw is-settijiet tad-*data* għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u l-opportunitajiet li qed jinfetħu minn sorsi ġodda.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Ir-riżultati mistennija huma dawn li ġejjin:

- armonizzazzjoni u komparabbiltà aħjar tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, billi tintuża bażi tal-popolazzjoni waħda u jsiru żviluppi fl-infrastrutturi tal-istatistika;

- proċessi tal-istatistika integrati u l-evitar ta' duplikazzjonijiet u ridodanzi;

[46] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- eżiti aħjar tal-istatistika mil-lat ta' varjabbli statistiċi, diżaggregazzjoni u dettall territorjali skont il-politika u l-ħtiġijiet tas-soċjetà attwali u emerġenti;

- statistika aktar fil-ħin u frekwenti;

- flessibbiltà tal-qafas legali rigward il-ħtiġijiet ġodda tad-*data*.

Il-proposta tissodisfa l-objettivi ta' simplifikazzjoni tal-programm REFIT, b'mod partikolari għax tgħaqqad tliet regolamenti f'qafas regolatorju uniku. L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern għall-finijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni ma joħloqx "net-ins" għan-negozji li jkunu rilevanti skont il-prinċipju "one-in, one-out".

### *1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Il-prestazzjoni tal-qafas legali l-ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni se tiġi monitorjata u evalwata skont l-objettivi speċifiċi.

Tul il-fażi tal-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid, il-Kummissjoni (Eurostat) se tkompli torganizza laqgħat regolari tal-grupp ta' esperti mal-NSIs sħab fl-ESS biex tiddiskuti u tiċċara l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu, filwaqt li tissokta l-istorja twila ta' kooperazzjoni tajba u mill-qrib bejn il-Eurostat u s-sħab tal-ESS tiegħu fejn jidħlu l-kwistjonijiet tekniċi u statistiċi. Dan jinkludi t-tħejjija konġunta diliġenti ta' atti ta' implimentazzjoni ewlenin li jirregolaw ir-rekwiżit dettaljat il-ġdid ta' *data* statistika u metadata, li se jkun ta' interess ċentrali għall-utenti tal-istatistika u għall-produtturi. L-istadju tal-implimentazzjoni hu ppjanat li jiġi konkluż bl-ewwel evalwazzjoni li tiffoka fuq l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-impatti inizjali tal-qafas legali l-ġdid. Biex tinkiseb informazzjoni biżżejjed fuq il-prestazzjoni, din l-evalwazzjoni hi ppjanata fi żmien tlieta sa ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid.

Imbagħad wara t-tranżizzjoni lejn il-fażi tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) qed tippjana li tevalwa l-funzjonament u l-impatt tal-leġiżlazzjoni kull ħamsa sa seba' snin.

Il-lista tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin possibbli tinsab fit-Tabella 11 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt (SWD(2023) 11).

Il-Kummissjoni (Eurostat) tipproduċi linji gwida komuni dwar l-istatistika Ewropea u tistabbilixxi rekwiżiti dwar ir-rappurtar tal-kwalità b'rabta mal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika. Ir-rapporti tal-kwalità li l-Istati Membri jeħtieġ jipproduċu jridu jinkludu verifiki speċifiċi, rilevanti għal dak il-ġbir tad-*data*. Dan se jiżgura l-kwalità tad-*data* statistika u tal-metadata.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fl-immedjat jew fit-tul, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament qed jiġi propost biex jinħoloq qafas ġdid għal produzzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni, dwar id-demografija, inkluż il-migrazzjoni, dwar il-familji, l-unitajiet domestiċi u l-akkomodazzjoni b'mod integrat. Il-ġbir tad-*data* rispettiv attwali mal-Istati Membri se jiġi armonizzat, simplifikat, imħaffef u estiż biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-politika. L-ewwel żminijiet ta' referenza ppjanati għall-ġbir tad-*data* skont il-qafas il-ġdid huma fl-2026.

Biex dan il-qafas il-ġdid jiġi stabbilit u implimentat kif ippjanat, ir-Regolament il-ġdid jenħtieġ li jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2023, ħalli l-atti ta' implimentazzjoni dwar l-ewwel ġbir tad-*data* jiġu adottati wkoll sa tmiem l-2023, jiġifieri mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-ewwel żminijiet ta' referenza.

Il-ġbir tad-*data* u tal-metadata tal-istatistika annwali u infrannwali se jibda fl-2026 filwaqt li, skont il-qafas il-ġdid, l-ewwel żmien ta' referenza għall-ġbir tad-*data* ta' kull għaxar snin li jixbah iċ-ċensiment se jibda fl-2031.

Fl-aħħar nett, il-proposta se tobbliga lill-Kummissjoni (Eurostat) u lill-Istati Membri jwettqu studji pilota kif meħtieġ u proporzjonati biex ikomplu jimmodernizzaw l-istatistika skont ir-Regolament (filwaqt li jivvalutaw sorsi tad-*data* u suġġetti statistiċi ġodda, inkluż dawk miżmuma privatament, l-iżvilupp ta' metodoloġiji u tekniki ġodda, inkluż teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza għal kondiviżjoni sigura tad-*data*).

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinkiseb mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-problemi identifikati fl-evalwazzjoni għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenwin mal-UE kollha b'rabta ċara ma' lakuni fil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE. Mingħajr azzjoni leġiżlattiva ulterjuri tal-UE, dawn il-problemi se jippersistu jew jaggravaw. Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE aktarx se tkompli ssir inqas effettiva u effiċjenti fl-ilħuq tal-objettivi tagħha għax ħafna Stati Membri se jkomplu jimmodernizzaw fil-livell nazzjonali billi jistabbilixxu reġistri tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u jaħtfu sorsi ġodda tad-*data*. Ir-rilevanza aktarx tkompli tonqos għax l-istatistika fil-livell tal-UE mistennija tkompli titbiegħed mill-ħtiġijiet tal-utenti mil-lat ta' kontenut, frekwenza mixtieqa jew tempestività. Mingħajr azzjoni leġiżlattiva tal-UE, l-approċċi nazzjonali se jkomplu jsiru differenti minn xulxin, u b'hekk l-istatistika ssir inqas komparabbli, li min-naħa tagħha tirriskja li tikkomprometti t-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE.

Il-valur miżjud ta' statistika kompluta u komparabbli dwar il-popolazzjoni u d-demografija fil-livell tal-UE jinsab qabelxejn fil-kontribut sinifikanti tagħha għal bosta ħtiġijiet istituzzjonali u oqsma ta' politika tal-UE li huma rilevanti ferm għal ħafna prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni (jiġifieri Ekonomija li taħdem għan-nies, Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, Spinta ġdida lid-demokrazija Ewropea). L-istatistika dwar il-popolazzjoni u d-demografija hi meħtieġa wkoll bħala kontribut għal diversi kompiti u proċeduri istituzzjonali tal-UE stabbiliti mit-Trattati, bħall-piżijiet tal-popolazzjoni nazzjonali biex tiġi stabbilita l-kwota tal-popolazzjoni tal-UE ta' 65% għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill (l-Artikolu 16 tat-TUE), il-projezzjonijiet ekonomiċi u baġitarji fit-tul tal-UE fis-Semestru Ewropew (l-Artikolu 121(6) tat-TFUE dettaljati fir-Regolament (UE) Nru 1175/2011[47]), u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni demografika annwali tal-UE (l-Artikolu 159 tat-TFUE).

47 Ir-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12).

Din id-*data* hi sors ta' tagħrif għall-politiki tal-UE li għandhom kompetenzi kondiviżi (eż. il-politika soċjali; il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; u l-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja) u kompetenzi ta' appoġġ (eż. is-saħħa, iż-żgħażagħ, il-protezzjoni ċivili u l-kooperazzjoni amministrattiva). L-istatistika dwar il-popolazzjoni hi s-sinsla ta' statistika Ewropea oħra (stħarriġiet kampjun, kontijiet nazzjonali) u tintuża għall-kalkolu tal-indikaturi *per capita*. Fl-aħħar nett, l-istatistika dwar il-popolazzjoni u d-demografija hi mfassla wkoll biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' diversi utenti, għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha fl-UE, u għar-riċerka u l-għarfien tal-pubbliku ġenerali.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-ġbir obbligatorju tad-*data* b'regoli komuni definiti hu kruċjali biex ikunu żgurati l-kompletezza u t-tempestività tal-istatistika dwar il-popolazzjoni fil-livell tal-UE; ir-regolamentazzjoni tal-ġbir volontarju tad-*data* b'kompletezza diġà għolja tista' twassal għal titjib ġmielu fl-effettività u fl-effiċjenza għax jista' jinkiseb valur miżjud konsiderevoli tal-UE b'kostijiet inkrementali limitati.

Il-ġbir volontarju tad-*data* hu strument xieraq biex isiru proġetti pilota dwar il-produzzjoni ta' suġġetti jew karatteristiċi ġodda, u biex titrawwem il-kapaċità inkrementali tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika li tipprovdi din id-*data* ġdida. Iżda dawn għandhom it-tendenza li jsiru ineffiċjenti maż-żmien għax il-kostijiet rikorrenti tal-produzzjoni eventwalment ma jirnexxilhomx jiġġeneraw valur miżjud sostanzjali tal-UE mil-lat ta' kompletezza fost l-Istati Membri.

Definizzjonijiet legali laxki ta' suġġetti statistiċi jwasslu għal telf tal-kontroll fuq l-armonizzazzjoni kunċettwali, u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar fuq il-koerenza u l-komparabbiltà, maż-żmien. L-eżempju tal-bażi tal-popolazzjoni wera kif klawżola inadempjenti introdotta oriġinarjament bħala eċċezzjoni b'kamp ta' applikazzjoni limitat inbidlet fi standard fattwali ġdid.

Qafas legali riġidu wisq ifixkel li tinżamm ir-rilevanza maż-żmien. Dan l-intervent kien qed jitlef ir-rilevanza pjuttost malajr sal-lum, u ilu jitlef saħansitra mill-perjodu ta' implimentazzjoni tiegħu, minħabba n-nuqqas ta' mekkaniżmi tal-flessibbiltà biex il-ġbir tad-*data* jiġi adattat għall-ħtiġijiet evolventi jew biex jinħatfu l-opportunitajiet emerġenti offruti mis-sorsi ġodda tad-*data*.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Mil-lat tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, il-proposta hi kompatibbli mal-Programm tas-Suq Uniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690[48].

Mil-lat tal-leġiżlazzjoni statistika tal-UE, il-proposta hi kompatibbli mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, il-proposta tfasslet biex tintegra mar-Regolament (UE) 2019/1700 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea dwar il-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fil-livell individwali miġbura mill-kampjuni, u b'hekk tissokta l-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea.

48 Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

*1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

| |
|---|
| Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Proposta se jkopruhom id-Deċiżjonijiet tal-Finanzjament/il-Programmi ta' Ħidma Annwali rispettivi tal-Programm tas-Suq Uniku u tal-programm suċċessur li jinkorpora l-istatistika Ewropea. |

## 1.6. Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu inizjali mill-2022 sal-2024,
- imbagħad operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[49]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi deżinjati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, sa fejn dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[49] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-proposta tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu rapporti tal-kwalità għad-*data* u l-metadata kollha miġbura skont ir-Regolament, kull tliet snin li jibdew minn Marzu 2027.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri trid tħejji rapporti dwar is-sejbiet ta' kull studju pilota mwettaq skont ir-Regolament.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet tal-pagament u tal-istrateġija tal-kontroll proposta*

Peress li l-metodu ta' ġestjoni magħżul għall-proposta hu ġestjoni diretta mill-Kummissjoni, ir-riskji inerenti ewlenin huma dawk relatati mal-ġestjoni tal-akkwist u tal-għotjiet.

L-istrateġija ta' kontroll tal-Eurostat qed tiffoka fuq ftehimiet tal-għotjiet u t-tranżazzjonijiet tal-akkwist. Din hi bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju u timxi mal-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività. Għandha (i) tappoġġa l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji; (ii) tistabbilixxi l-qafas għat-tipi kollha tal-attivitajiet tal-kontroll fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fi ħdan l-Eurostat; (iii) tagħti appoġġ biex ir-rata ta' errur identifikata tal-kontrolli *ex post* fuq ftehimiet tal-għotjiet tinżamm f'livell aċċettabbli; (iv) iżżid l-effiċjenza u l-effettività tal-kontrolli; u (v) tnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u għall-Eurostat.

Rigward l-akkwist, il-kontrolli preventivi (kontrolli *ex ante*) jinkludu evalwazzjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni, għat-tranżazzjonijiet tal-akkwist u r-rieżamijiet tal-kwalità *ex post*.

Rigward l-għotjiet, il-kontrolli preventivi (kontrolli *ex ante*) ikopru kontrolli tad-detezzjoni (kontrolli *ex post*), valutazzjonijiet perjodiċi ta' somom f'daqqa, kostijiet unitarji jew rati fissi u kontrolli *ad hoc*.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i tal-kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-Kummissjoni (Eurostat) żviluppat strateġija tal-kontroll. Il-miżuri u l-għodda inklużi f'din l-istrateġija huma applikabbli għalkollox għall-forniment ta' statistika skont ir-Regolament propost. It-tipi ta' bidliet introdotti mill-istrateġija jistgħu jnaqqsu l-probabbiltà ta' frodi u jgħinu fil-prevenzjoni tal-frodi. Dawn jinkludu: tnaqqis fil-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri tal-monitoraġġ kosteffettivi, u t-twettiq ta' kontrolli *ex ante* u *ex post* abbażi tar-riskju. L-istrateġija tinkludi wkoll miżuri ta' għarfien u taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-frodi.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (waqt il-ħlas u fl-għeluq)*

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha fis-seħħ strateġija tal-kontroll biex, b'mod ġenerali, tillimita r-riskju tan-nonkonformità magħhom, skont il-kriterju tal-materjalità ta' 2%, f'konformità mal-objettivi dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni tar-

riskju stabbiliti fil-programm statistiku tagħha (Programm tas-Suq Uniku fil-QFP attwali). 100% tat-tranżazzjonijiet finanzjarji (u għalhekk 100% tal-baġit) se jkunu suġġetti għal kontrolli *ex ante* obbligatorji f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Barra minn hekk, se jsiru kontrolli msejsa fuq analiżi dettaljata tad-dokumentazzjoni sottostanti abbażi ta' analiżi tar-riskju annwali. Dawn jistgħu jkopru bejn 4-6% tal-baġit totali ġestit mill-Eurostat.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Fit-30 ta' Ottubru 2013, l-Eurostat adotta l-ewwel strateġija tiegħu kontra l-frodi għall-2014-2017 f'konformità mal-Istrateġija Antifrondi tal-Kummissjoni (CAFS) tal-24 ta' Ġunju 2011. L-istrateġija antifrodi attwali tkopri l-perjodu 2021-2024.

Din l-istrateġija tispeċifika tliet objettivi operazzjonali: i) it-tisħiħ tal-miżuri antifrodi eżistenti; ii) integrazzjoni aħjar tal-proċeduri antifrodi fil-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tal-Eurostat, u fl-awditjar, fl-ippjanar, fir-rappurtaġġ u fil-monitoraġġ; u iii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u tal-għarfien antifrondi tal-Eurostat bħala parti mill-kultura antifrodi tal-Kummissjoni.

Mal-istrateġija antifrodi hemm mehmuż pjan ta' azzjoni antifrodi. Tul il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha, l-implimentazzjoni tal-istrateġija antifrodi qed tiġi monitorjata darbtejn fis-sena u rappurtar jingħadda lill-maniġment.

Ir-riċeventi potenzjali kollha tal-għotjiet huma korpi pubbliċi (istituti tal-istatistika nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009). Barra minn hekk, l-għotjiet jingħataw mingħajr sejħiet għall-proposti. Fis-seħħ hemm miżuri għall-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-għotjiet. Dawn jikkunsidraw il-proċeduri speċifiċi għall-għotjiet, u jinvolvu analiżi *ex ante* u *ex post* tal-ġestjoni tal-għotja.

L-użu tal-kostijiet tal-unità u tas-somom f'daqqa, f'konformità mal-Artikolu 124(1) tar-Regolament Finanzjarju, inaqqas sostanzjalment ir-riskju ta' erruri relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet u b'hekk jissimplifika l-amministrazzjoni tagħhom.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[50]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[51] | mill-pajjiżi kandidati[52] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | BGUE-BXXXX-03-020500-C1-ESTAT | Diff. | IVA | LE | IVA | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | L-ebda | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

50 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
51 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
52 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1 | Suq Uniku, Riċerka u Innovazzjoni |

| DĠ: ESTAT | | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Snin ta' wara | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja[53] 03 02 05 | Impenji | (1a) | 3.889 | 3.191 | 1.183 | 0.000 | **8.263** |
| | Pagamenti | (2a) | 1.296 | 2.360 | 2.754 | 1.853 | **8.263** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[54] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ESTAT** | Impenji | =1a+1b +3 | 3.889 | 3.191 | 1.183 | 0.000 | **8.263** |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | 1.296 | 2.360 | 2.754 | 1.853 | **8.263** |

53 Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

54 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 3.889 | 3.191 | 1.183 | 0.000 | **8.263** |
| | Pagamenti | (5) | 1.296 | 2.360 | 2.754 | 1.853 | **8.263** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA <1>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 3.889 | 3.191 | 1.183 | 0.000 | **8.263** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 1.296 | 2.360 | 2.754 | 1.853 | **8.263** |

**<u>Jekk il-proposta / l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:</u>**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 3.889 | 3.191 | 1.183 | 0.000 | **8.263** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 1.296 | 2.360 | 2.754 | 1.853 | **8.263** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela bid-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabelxejn, trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Snin ta' wara | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: ESTAT | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 3.656 | 3.656 | 3.656 | 0.000 | **10.968** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.100 | 0.100 | 0.100 | 0.000 | **0.300** |
| **TOTAL TAD-DĠ ESTAT** | | 3.756 | 3.756 | 3.756 | 0.000 | **11.268** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 3.756 | 3.756 | 3.756 | 0.000 | **11.268** |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Snin ta' wara | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 7.645 | 6.947 | 4.939 | 0.000 | **19.531** |
| | Pagamenti | 5.052 | 6.116 | 6.510 | 1.853 | **19.531** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | |
| | Tip[55] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[56] | | | L-iżgurar ta' statistika Ewropea kompluta, koerenti u komparabbli dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni | | | | | | | |
| - Statistika | | 0.542 | | 0.713 | | 0.713 | | 0.201 | | 1.627 |
| - Infrastruttura tal-kondiviżjoni tad- | | 0.235 | | 0.700 | | 0.002 | | 0.002 | | 0.704 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | 1.413 | | 0.715 | | 0.203 | | 2.331 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 | | | L-iżgurar ta' statistika fil-ħin u frekwenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti | | | | | | | |
| - Statistika | | 0.542 | | 0.713 | | 0.713 | | 0.201 | | 1.627 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | 0.713 | | 0.713 | | 0.201 | | 1.627 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3: | | | Il-forniment ta' statistika komprensiva biżżejjed mil-lat ta' suġġetti rilevanti, u dettaljata biżżejjed mil-lat ta' karatteristiċi u diżaggregazzjonijiet | | | | | | | |
| - Statistika | | 0.638 | | 0.809 | | 0.809 | | 0.297 | | 1.915 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 3 | | | | 0.809 | | 0.809 | | 0.297 | | 1.915 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 4: | | | Il-promozzjoni ta' oqfsa legali u tal-ġbir tad-*data* li jkunu flessibbli biżżejjed biex jadattaw is-settijiet tad-*data* għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u għall-opportunitajiet emerġenti li joffru s-sorsi ġodda | | | | | | | |
| - Studji pilota | | 0.288 | | 0.288 | | 0.288 | | 0.288 | | 0.864 |

55 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

56 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| - Sorsi tad-*data* ġodda, metodoloġija | | 0.509 | | 0.665 | | 0.665 | | 0.196 | | 1.526 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 4 | | | | 0.953 | | 0.953 | | 0.483 | | 2.389 |
| **TOTALI** | | | | 3.889 | | 3.191 | | 1.183 | | 8.263 |

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| Riżorsi umani | 3.656 | 3.656 | 3.656 | **10.968** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.100 | 0.100 | 0.100 | **0.300** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3.756 | 3.756 | 3.756 | **11.268** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[57] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| Riżorsi umani | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| **TOTAL** | 3.756 | 3.756 | 3.756 | **11.268** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jkopruhom l-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni bil-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

57 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 20 | 20 | 20 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[58] | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | 6 | 6 | 6 |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | |
| XX 01 xx yy zz [59] | - fil-Kwartieri Ġenerali: | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | |
| **TOTAL** | | **26** | **26** | **26** |

**03** hu l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkopprihom il-persunal tad-DĠ li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni bil-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Ħidma metodoloġika għall-implimentazzjoni tajba tal-kunċetti, tad-definizzjonijiet u tal-metodi statistiċi<br>Ħidma għall-produzzjoni tad-*data* biex jinkisbu, jiġu pproċessati, ivvalidati u ppubblikati d-*data* u l-metadata<br>Analiżi tad-*data*, pubblikazzjonijiet u appoġġ għall-utenti<br>Kooperazzjoni statistika regolatorja<br>Kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet statistiċi |
| Persunal estern | IT u ħidma teknika oħra li tappoġġa l-produzzjoni u l-analiżi tad-*data* |

58 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

59 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kollha b'riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Agħti tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.<br>Il-ħtiġijiet finanzjarji se jkopruhom l-approprjazzjonijiet tal-Programm tas-Suq Uniku kif previst fil-programmazzjoni finanzjarja tal-QFP 2021-2027. |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat fl-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li jridu jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[60] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

60 Is-Sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Ibdel l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[61] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew informazzjoni oħra).

61 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% għall-kostijiet tal-ġbir.